

# Ħarsa Ġenerali lejn l-Istatwi Proċessjonali Maltin bħala Metafora Politika: L-Istatwa ta' San Filep u l-Purċissjonijiet reliġjużi ġewwa Ħaż-Żebbuġ matul is-Seklu dsatax

Simon Mercieca

## Premessa: Il-Festa Maltija llum

Fuq livell ikonografiku u artistiku, illum saret ħaġa anakronista li wieħed jagħmel statwi reliġjużi għall-purċissjonijiet, anki jekk f'Malta, statwi reliġjużi litteralment għadhom moda u jsiru biex iżejnu t-toroq tal-ibliet u l-irħula tagħna matul il-festi patronali. Biss dawn l-istatwi ma għadx baqgħalhom messaġġ reliġjuż xi jwasslu. Saru ***kitsch*** u qed isiru biex jikkreaw l-ispirtu ta' *party* tant assoċjat illum ma' dawn il-manifestazzjonijiet li saru aktar spettakli kulturali milli laqgħat ta' ġabra reliġjuża. Anki l-ispirtu reliġjuż li dawn l-istatwi riedu jwasslu ġie maħnuq mid-dinja materjalistika li llum aħna kollha qed ngħixu fiha. Il-kreazzjoni ta' statwi proċessjonali ġodda ma għadhiex iġġib magħha dik l-awra ta' devozzjoni jew ta' dak li jissejjaħ *ethos* reliġjuż li żviluppa b'mod partikolari fl-epoka romantika u f'Malta, bħal fid-dinja Kattolika kollha, saħħet l-idea li teżisti filosofija ta' arti Kristjana lil hinn mill-kurrenti ġenerali tal-arti. Għalhekk għad-dinja reliġjuża ġiet kreata arti oħra li f'din id-dinja bdiet tkun identifikata bħala sekolari u dawn il-ħsibijiet għadhom jiddominaw il-filosofija u t-teoloġija Kristjana sal-ġurnata tal-lum.

Ma għandix dubju, li dawk il-puritani tas-soċjetà Maltija jaraw f'dawn il-festi ta' żmienna d-deterjorament ta' dak kollu li hu reliġjuż u l-istatwi proċessjonali jieħdu punt importanti f'din il-kritika, bħala immaġni li qed imorru saħansitra kontra l-ewwel kmandament bibliku.

Dan it-timbru ġdid qed ikun ta' dannu għall-istess Knisja Kattolika Maltija, għaliex dawk li jixtiequ jgħixu l-fidi Kristjana tagħhom qed jaraw f'dawn il-manifestazzjonijiet paganiżmu u tradizzjoni aktar milli devozzjoni li twassal għall-iżvilupp spiritwali tal-bniedem sħiħ. Biss anki hawn, il-ħsieb romantiku li akkumpanja l-espansjoni

mondjali tal-Protestantiżmu matul is-seklu dsatax infiltra u daħal f'pajjiżna. Illum ninsabu fil-punt fejn anki l-partiti politiċi ewlenin qed jagħrfu interlokuturi ġodda għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi Maltin. Qabel kien il-kappillan. Illum saru l-baned bil-kumitati tagħhom. Għalhekk ir-rwol li qabel kellha l-Knisja f'dawn il-festi nbidel għalkollox.[1]

## Ifaqqsu l-Purċissjonijiet bl-Istatwi

Biss is-soċjetà Maltija mhux minn dejjem kienet tagħmel użu mill-istatwi għall-proċessjonijiet reliġjużi tagħha. Dan hu fenomenu pjuttost riċenti. L-ewwel statwa li nafu li ntużat f'purċissjoni kienet dik ta' Santu Rokku ġewwa l-Birgu. Kienet statwa żgħira tal-injam u bdiet tinħareġ f'purċissjoni bħala espressjoni votiva wara l-pesta tal-1592.[2] Wieħed irid jiftakar li San Rokku kien mitqies bħala l-protettur kontra l-pesta. B'hekk l-użu ta' statwa, li allura ma għandha x'taqsam xejn mat-titular tal-istess knisja mnejn kienet inħarġet f'purċissjoni ġewwa l-Birgu, li hija ddedikata lil San Lawrenz, bdiet tinħareġ f'purċissjoni għar-raġunijiet purament devozzjonali ta' wegħda. Infatti, hawn tinsab l-ewwel raġuni għaliex wieħed kien jorganizza purċissjonijiet fil-passat.

Dawn kienu mitqiesa speċi ta' pellegrinaġġi, mixja ta' fidi, biex tintalab u tinqala' xi grazzja jew bħala manifestazzjoni ta' ringrazzjament. Għalhekk, qabel l-istatwi, l-idea kienet li wieħed joħroġ b'xi salib żgħir tal-fidda bil-ħaġar prezzjuż, u l-poplu kollu tar-raħal kien jimxi warajh.[3]

Biss ikun f'parroċċa qrib Ħaż-Żebbuġ fejn naraw id-dħul tal-istatwa proċessjonali assoċjata mat-titular tal-knisja. Hawn qiegħed nirreferi għal San Nikola tas-Siġġiewi. Biss anki hawn, il-preżenza ta' statwa hija aktar marbuta mal-idea trawmaturġika, li dan il-qaddis kien iġib miegħu, milli ma' xi manifestazzjoni ta' festa kif nifhmu bl-istatwi llum.[4]

Fuq kollox, ikun ġewwa l-ibliet, b'mod partikolari fil-Belt Valletta, fejn naraw l-ewwel użu ta' statwi ġodda fil-purċissjonijiet tagħna. Din id-darba l-ikonografija ser tkun primarjament waħda femminili. Fi kliem ieħor ser naraw l-iżvilupp ta' statwi devozzjonali, li mhux qed jinħolqu biss biex jintużaw waqt xi pellegrinaġġ penitenzjali, iżda biex iqawwu l-fidi ta' poplu. L-ewwel immaġni narawhom iduru madwar ix-xbieha tal-Madonna. Dawn l-ewwel statwi tal-Madonna kienu forma ta' manikin imlibbes.[5]

Biss kontra dak li wieħed jaħseb, f'dan il-perjodu ġewwa l-knejjes ta' Malta kien ikun hemm statwa waħda tal-Madonna u din kienet tintuża fil-purċissjonijiet kollha

Marjani li kien ikun hemm fil-parroċċa, irrispettivament mill-interċessjoni li għaliha kienet tkun qed issir dik il-manifestazzjoni reliġjuża.

Dan l-element devozzjonali jissaħħaħ matul is-seklu sittax meta jibdew jiżviluppaw f'Malta dawk li jissejħu l-fratellanzi devozzjonali. Dan kien żvilupp fuq il-fratellanzi li kien hemm qabel il-Konċilju ta' Trentu fl-ibliet tal-Ewropa, li kienu aktar jiffunzjonaw bħala "*guild*" jew għaqdiet tas-snajja'. Ma hemmx dubju li l-ewwel fratellanza li nafu biha, dik ta' San Ġużepp tar-Rabat, kienet tiffunzjona taħt din il-kappa ta' għaqda ta' nies tas-sengħa.[6] Il-fratellanzi l-ġodda ser ikunu miftuħa għal kulħadd u aktar maħsuba biex iqajmu devozzjoni u allura hawnhekk għandna żvilupp ġdid f'dik li hija l-ikonografija tal-istatwi reliġjużi tagħna: jibda bil-mod jinħoloq suq ġdid biex isiru statwi għall-fratellanzi li juru devozzjoni. Biss għall-ewwel, il-fratellanzi kienu ddominati minn xi standard jew bandiera ta' daqs żgħir li kienet aktar tixbah lill-bnadar li l-Ordni tal-Kavallieri kienu jqiegħdu fuq il-galeri tagħhom milli dawk kbar kif narawhom illum fil-purċissjonijiet tagħna. Dawn kienu ta' kull qies u għamla differenti. Fuqhom kien ikollhom impittra xi immaġni reliġjuża u ħafna drabi kienet tkun dik tal-Madonna.[7]

Fit-tieni nofs tas-seklu sbatax naraw jiżdiedu l-istatwi proċessjonali tal-injam. Id-daqs tagħhom jikber ukoll. Artisti bħal Merchiorre Gafà u s-soru Maria De Domenicis taw kontribut għall-popolarizzazzjoni ta' dan it-tip ta' ġeneru fil-purċissjonijiet reliġjużi Maltin. Biss ikun matul is-seklu tmintax, speċjalment lejn nofs dan is-seklu, fejn nibdew naraw iż-żieda ta' aktar statwi kbar tal-injam. L-industrija tal-baħar żgur li għenet fl-iżvilupp tal-istatwi magħmula mill-injam. Il-bini tal-vaxxelli, il-galeri u opri oħra tal-baħar kien jitlob ċertu maestrija u xogħol marbut mal-iskultura. Dan wassal biex kien hawn artiġjani li kienu lesti jingħataw għall-iskultura tal-istatwi. Għalhekk, naraw li ħafna mill-artisti kienu jinsabu jgħixu madwar il-Port il-Kbir.

Imbagħad minn nofs is-seklu tmintax, in-numru ta' statwi parrokkjali jiżdied sew fl-ibliet Maltin, jiġifieri ġewwa l-knejjes tal-Belt u dawk tat-tlett ibliet b'mod speċjali kollha jibda jkollhom statwa titulari. Anki l-fratellanzi ma jibqgħux lura. L-istatwi l-qodma bdew jingħataw jew jinbiegħu lill-parroċċi tal-irħula, inkluż f'Għawdex ħalli jintużaw fil-festi u l-purċissjonijiet fi knejjes li kienu għadhom bla statwa. B'hekk anki fil-knejjes tal-irħula tagħna bdew jiżdiedu l-istatwi. Dawk l-irħula li setgħu, iżda dawn kienu l-eċċezzjoni, bdew jagħmlu xi statwa tal-injam, bħalma ġara fis-Siġġiewi, fejn l-iskultur Pietro Felici għamel l-istatwa ta' San Nikola, flok oħra aktar qadima, magħmula fuq l-istil ta' statwa mlibbsa.[8]

F'dan il-perjodu wkoll jibdew jiddaħħlu f'Malta statwi magħmula mill-kartapesta, prodott ġdid, li kien qed jitlob artistrija ġdida, biss kien irħas mill-injam. Iżda wieħed

irid jinsisti li sas-seklu tmintax dan l-użu tal-istatwi kien marbut ma' messaġġ reliġjuż devozzjonali u żgur li ma kellux xi rabta politika.

Dan kollu jinbidel meta l-Franċiżi u mbagħad l-Ingliżi jiġu f'pajjiżna. Waqt li l-ewwel reġim, dak Franċiż, kien wieħed rivoluzzjonarju u anti-Kattoliku, dak li ġie warajh ma kien xejn aħjar minnu, bid-differenza li ma kienx wieħed rivoluzzjonarju, biss xorta kellu mibegħda lejn dak kollu li hu Kattoliku u li jmiss mal-Papa. Biss għar-raġunijiet politiċi u strateġiċi fittex li joqgħod kwiet. Mill-ewwel fittex li jħares id-drittijiet reliġjużi tal-Maltin.[9] Din l-affermazzjoni terġa' tkun assigurata fl-1813 meta Thomas Maithland ġie maħtur bħala l-ewwel gvernatur tal-Gżira.[10]

Ir-Renju Unit kien jappartjeni għad-dinja Protestanta, anzi biex wieħed ikun eżatt għad-dinja Anglikana Kattolika. Biss, anki jekk f'din id-dinja nfetħu numru ta' denominazzjonijiet Kristjani, bħalma kienu l-Metodisti, dawn kellhom storikament denominatur komuni: l-odju tagħhom lejn dak kollu li hu Kattoliku Ruman. Waqt li t-twemmin Anglikan baqa' wieħed Kattoliku, mibni fuq il-mudell ta' dak Ruman, mingħajr ma inkluda r-riforma Tridentina, hu warrab il-mudelli monastiċi, u l-awtorità tal-Papa. Dawk Protestanti, bħalma kienu l-Metodisti, kienu ispirati mill-mudell Kalvinista. Riedu jirritornaw għall-purità tal-fidi. Fuq quddiem nett, allura, insibu ċ-ċaħda għall-istatwi. F'dan il-kuntest, l-istatwi kienu mitqiesa bħala oġġett ta' dnub, oġġett ta' adorazzjoni mhux xierqa u allura jmorru kontra l-ewwel kmandament. Il-knejjes kellhom ikunu sempliċi. Il-Barokk kien jirrappreżenta dak kollu li wieħed jista' jqis bħala li jmur kontra l-valuri Anglikani u Protestanti.

Biss l-Ingliżi ma jagħmlux l-iżball tal-Franċiżi. Ma jużawx il-forza biex jimponu ideat tagħhom fuq il-popolazzjoni indiġina. Anzi jużaw il-politika ta' tolleranza. Ma setgħux jagħmlu mod ieħor. Biss il-popolazzjoni tal-lokal tagħmel ir-reazzjoni tagħha. Ma tkunx subgħajha f'ħalqha u kellha mexxejja għaqlin biżżejjed li għarfu kif kellhom imexxuha. Jekk għall-Ingliżi, il-Maltin kienu "*Malts*",[11] il-mod kif wieħed jiġġieled din il-preżenza ġdida kolonjali kienet billi jmur dijatrikament l-oppost u jibda jagħmel azzjonijiet li jdejqu lill-mexxej kolonjali, jagħtuh fastidju, u dan għamluh bla ma użaw il-vjolenza fiżika iżda dik psikoloġika. Dawn l-azzjonijiet kienu fihom infushom sinifikattivi għaliex kienu jsiru biex juru lill-mexxej kolonjali tal-gżira li Malta kienet l-art tal-Maltin.

Il-mudell ġie offrut mill-Ingliżi nfushom. Għall-Ingliżi l-Maltin kienu dak li jissejħu "*the other*". Jiġifieri esseri inferjuri. Biss il-kultura Kattolika Latina tathom is-sens ta' superjorità kulturali, offritilhom l-argument li Malta kienet parti mill-kultura Latina u dik Klassika.

Mid-daqq esaġerat tal-qniepen sal-purċissjonijiet numerużi, kollox beda jieħu dimensjoni ta' natura politika. L-istorbju tal-qniepen kien biss skuża. Lill-kolonizzatur, dawn kienu jdejquh sew.[12] Biss dan il-fastidju kien doppju. Għaliex mhux biss kienu jagħmlu l-istorbju, iżda dan l-istorbju kellu sinifikat reliġjuż. B'kumbinazzjoni d-daqq żdied flok naqas fi żmien il-perjodu Ingliż. Ħafna parroċċi spiċċaw ikabbru s-sett tal-qniepen tagħhom u numru ta' knejjes fittxew li jagħmlu qanpiena ikbar, ħalli l-qanpiena l-kbira tkun verament waħda kbira.[13] Biss meta l-Isqof Gaetano Pace Forno pprova jnaqqas id-daqq tagħhom, il-qassisin tal-kampanja rvellaw. Pietro Paolo Castagna jgħarraf li meta ġew xi festi bdew "… *idokku id-doppiu ta' dari, għall-inkejja ta' l'Iskof*". Xi nies saħansitra spiċċaw il-qorti.[14]

L-istess jgħodd għall-purċissjonijiet. Dawn ukoll żdiedu matul il-perjodu Ingliż. Dawn ukoll kienu jdejqu lill-Ingliżi għaliex is-suldati Ingliżi kien ikollhom jieqfu u jekk hemm bżonn jagħtu s-salut lill-istatwi Kattoliċi Rumani.

Dawn id-differenzi reliġjużi wasslu għal xi problemi għall-Ingliżi nfushom u kien hemm numru ta' inċidenti żgħar bl-involviment ta' suldati Ingliżi (fil-maġġoranza Metodisti) li ġew akkużati mill-Maltin li għamlu atti ta' insult waqt xi purċissjoni.[15] Pietro Paolo Castagna, bħala kontemporanju, ipprova jċekken dawn l-inċidenti u jikkwalifikahom bħala "*x'insolenza li col tant issir eu min xi suldat inkella min xi bahri* (sic.)".[16]

Din it-tensjoni jew reżistenza passiva bdiet tikber sew fi żmien l-isqof Żebbuġi, Monsinjur Franġisk Saverio Caruana. L-istoriku Żebbuġi Dun Salvatore Ciappara jagħmel referenza għal din is-sitwazzjoni meta jikteb li "*żmien it-tmexxija djoċesana ta' Mons. Caruana kien miżgħud tfixkil u saram*".[17] Iżda, Ciappara jkompli jżid li dan Caruana kien bniedem għaref iżda umli u bid-dehen tiegħu flimkien mal-pariri li kien jagħtih is-segretarju żagħżugħ tiegħu, Amato, ħareġ *"rebbieħ fil-burraxki"*. U burraxki kellu ħafna. Żgur li parti mis-saram kien ġej mill-intensifikazzjoni tal-prożelitiżmu Metodista f'Malta. Caruana kien saħanistra ħareġ pastorali biex iżomm lit-tallaba milli jmorru fil-knejjes Metodisti għaliex dawn kienu bdew jagħtu għotjiet lill-foqra biex jiġbduhom u jħeġġuhom jibdlu r-reliġjon tagħhom.[18]

Dan wassal biex bil-mod il-mod bdiet titrabba mħabba u odju lejn din id-dinja Protestanta u kollox sploda fi żmien Pace Forno. Bħalma ser naraw, l-influwenza Protestanta ħalli l-effetti tagħha fuq il-mod kif isiru l-purċissjonijiet f'Malta, b'mod ordnat u bl-istandardi (kif jissejħu l-bandieri li jintużaw f'dawn il-purċissjonijiet), anki jekk għal xi wħud mill-Anglikani u l-Protestanti li kien hawn fil-gżira, dawn il-purċissjonijiet kienu biss karikatura tal-orgolju u d-dixxiplina Imperjali Ingliża. Fratelli li ma kinux jobdu l-ordnijiet ekkleżjastiċi jew ma jġibux ruħhom sew jew jagħmlu

storbju jew jgħidu kliem mhux xieraq fil-knisja kienu jitkeċċew u ma jitħallewx ikunu membri tal-ebda fratellanza oħra fil-parroċċa. Ħaż-Żebbuġ ma kienx nieqes minn dawn it-tip ta' deċiżjonijiet.[19] Fuq livell aktar mondan naraw il-bidu tal-użu fil-knejjes tagħna tas-siġġijiet, dawk famużi tat-tibna. L-użu tas-siġġijiet fil-knejjes għandu jkun marbut mal-preżenza Protestanta. Kienu l-Protestanti li mlew is-swali tagħhom bis-siġġijiet, u ġabu l-knisja qisha forma ta' teatru u dan il-mudell narawh jiddaħħal fil-knejjes Kattoliċi tagħna, fejn f'ċertu knejjes iddaħħal mill-kappillan jew l-arċipriet skont il-każ, f'oħrajn kienu f'idejn is-sagristan, li bħal li qisu kuntrattur modern, kien jixtri hu s-siġġijiet u jibda jikrihom lin-nies. Sal-aħħar tas-seklu dsatax kien għad hemm knejjes li kienu għadhom mingħajr siġġijiet kif nifhmu llum ġo fihom.[20] Dan kollu ser jilħaq lill-knejjes ta' pajjiżna u anki lir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, iżda bħala l-ewwel risposta għal dan il-kambjament, dan ir-raħal ser iżid in-numru ta' purċissjonijiet tiegħu.

## Id-Dokumentazzjoni Storika

Dan il-fatt joħroġ kemm mid-dokumenti storiċi u minn kotba miktuba minn kontemporanji. Id-dokumenti użati biex tinbena din l-analiżi storika huma dawk tas-suppliki u l-atti ċivili li hemm f'arkivju tal-Kurja. Ġew studjati l-atti ta' dawn iż-żewġ fondi li jikkonċernaw lill-kleru u l-fratellanzi ta' Ħaż-Żebbuġ għal matul is-seklu dsatax. Hawnhekk, nixtieq nagħmel kumment żgħir. Dak li nstab f'dawn l-atti ġie kkonfrontat ma' dak li kiteb Dun Salvatore Ciappara fil-ktieb tiegħu *Storia del Zebbug e Sua Parrocchia,* kif ukoll mal-kitba ta' Luret Vella, kif maħruġa minn Mgr Lawrenz Cachia.[21] Xi wħud mill-istejjer li jsemmi Ciappara nsibuhom f'dawn is-suppliki u fl-atti ċivili. Dan jikkonferma li dak li kienu qed jgħidu dwar x'kien qed jiġri fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ huwa minnu. Għalkemm jien mhux ser inkun qed nirrepeti lil Ciappara u lil Vella, iżda ser infittex kif dawn is-suppliki jikxfu aħjar l-iżvilupp tal-festa Maltija matul il-perjodu Ingliż ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

Fuq kollox, wieħed irid jiftakar li biex isiru opri artistiċi f'din il-ħabta ma kienx hemm bżonn ta' rikorsi l-Kurja. L-ispejjeż ta' dawn l-opri kienu jitniżżlu fir-reġistri jew aħjar kotba tal-*accounts*, magħrufa aħjar bħala *Libri dei Conti*. Dawn kienu jsiru kull sena u kienu jintbagħtu lill-Kurja għall-verifikazzjoni tagħha. Kienet ukoll tinżamm kopja fil-parroċċa. Dawn il-kotba ma kkonsultajthomx. Biss, jekk għal xi raġuni jew oħra, kull meta kien jinqala' xi diżgwid rigward ħlasijiet ta' dawn l-opri artistiċi, bħal pereżempju, ma jkunx hemm flus biżżejjed biex titħallas l-opra, allura kienet issir talba lill-Kurja fejn kien jiġi spjegat u jintalab permess biex isir self jew inkella jintużaw fondi oħra ħalli dan id-dejn ikun jista' jitħallas.

Din l-analiżi mhux ser tkun qed tittratta biss talbiet marbuta mal-festa ta' San Filep iżda wkoll talbiet li huma marbuta mal-fratellanzi li kien hemm f'Ħaż-Żebbuġ. Għalhekk, barra l-festa titulari, ser inkun qed nittratta wkoll purċissjonijiet sekondarji u dawk tas-sagramenti li wieħed irid jarahom f'kuntest differenti milli narawhom illum. Il-purċissjoni tal-festa kienet għall-bidu waħda minn ħafna purċissjonijiet li kienu qed isiru f'dan ir-raħal. Hu interessanti li wieħed jinnota li l-purċissjonijiet kollha kibru mal-perjodu tal-ħakma Ingliża ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Attenzjoni partikolari tingħata wkoll għall-ilbies liturġiku u standardi użati mill-fratellanzi għal waqt il-purċissjonijiet.

Ma hemmx dubju li l-purċissjonijiet bl-istatwi kienu l-aktar marbuta mal-fratellanzi u għalhekk dawn żdiedu sew fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Sakemm seħħ dan, il-purċissjonijiet baqgħu jsegwu l-prassi li kien hemm fi żmien il-Kavallieri, jiġifieri jkunu purċissjonijiet devozzjonali, fejn fihom jinħareġ is-sagrament jew xi relikwja. Għajr għall-fratelli, in-nies lanqas kienu jimxu b'xi ordni partikolari, iżda pjuttost forma ta' pellegrinaġġ. Magħhom iridu jiżdiedu l-purċissjonijiet okkażjonali fil-każ ta' xi wasla jew għotja ta' xi korp sant lill-knisja.

Fost il-fratellanzi l-aktar attivi nsibu dawk tas-Sagrament, tar-Rużarju, tal-Karità (jew Konsolazzjoni) u ta' San Ġużepp. Kull waħda minn dawn kellha l-purċissjoni tagħha. Biss, ħlief għal dik tar-Rużarju u tal-Karità, ħadd ma kellu statwa. Dawn kellhom statwa tal-Madonna bejn tnejn. Tas-Sagrament kellha aktar minn purċissjoni waħda, għaliex minbarra Corpus, kien hemm dawk tal-Vjatiku u lejn l-aħħar tas-seklu dsatax iddaħħlet il-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax insibu assoċjazzjonijiet bħal dik tas-Sodalità tal-Agunija flimkien mal-*Cassa Via Crucis* jagħmlu l-festa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Is-Sodalità tal-Agunija kellha fiha wkoll dik li kienet magħrufa bħala l-*Cassa Anime,* li kienet għaqda maħsuba biex tieħu ħsieb l-Artal tal-Erwieħ u tagħmel talb għall-erwieħ tal-Purgatorju. Is-Sodalità tal-Agunija kienet ukoll responsabbli mill-purċissjoni tas-Salib. F'Ħaż-Żebbuġ kien hemm tnejn; waħda fit-3 ta' Mejju, festa tas-Sejba tas-Salib u l-oħra fl-14 ta' Settembru, festa tal-Adorazzjoni tas-Salib. It-tnejn kienu jsiru bl-użu tal-ostensorju tal-*Vero Legno*, jiġifieri bir-relikwja tas-Salib Imqaddes. Imbagħad magħhom kien hemm il-festa tal-qaddis patrun tal-parroċċa San Filep, li fil-każ ta' Ħaż-Żebbuġ, din il-festa ma kienet taqa' taħt l-ebda fratellanza, iżda dejjem kienet taħt il-patroċinju tal-kappillan u mbagħad l-arċipriet u l-*Veneranda Lampada*, li kienet l-istruttura finanzjarja li tieħu ħsieb l-ispejjeż marbuta mal-manteniment tal-knisja u l-artal maġġur. Sakemm saret l-istatwa, din ukoll kienet ikkaratterizzata fl-użu tal-ostensorju jew ulna, b'għadma tal-qaddis, li kienet inġiebet minn Sqallija.

Għalhekk ma hemmx dubju li dan l-iżvilupp tal-proċessjonijiet mill-fratellanzi ġewwa Ħaż-Żebbuġ irid ikun inkwadrat fl-iżvilupp tal-festa titulari. Dawn kibru b'reazzjoni għat-tkabbir tal-festa ta' San Filep matul is-seklu dsatax. Dawk l-għaqdiet li kienu kapaċi jagħmlu r-riformi għexu u mxew 'il quddiem. Kif ser naraw, l-oħrajn mietu mewta naturali. Għalhekk, bħalma kien qed jiġri bnadi oħra, numru ta' fratellanzi ġewwa Ħaż-Żebbuġ irriformaw ruħhom, saru aktar moderni billi introduċew mudelli ġodda ta' tmexxija. Fuq quddiem nett kien hemm il-kreazzjoni ta' statuti għal dawk li ma kellhomx, jew inkella l-aġġornament tal-istess statuti għal dawk li ġa kellhom wieħed.

Dan il-proċess ta' tiġdid kien ukoll jiddependi ħafna fuq in-nies fl-istess fratellanzi u l-għaqdiet tal-parroċċa, għaliex dawk l-artali li kellhom prokuraturi effettivi u effikaċi kibru. L-oħrajn, li forsi ma kellhomx nies ta' ċertu dinamiżmu jew forsi d-devozzjoni ma kinitx baqgħet popolari fost il-poplu, waqgħu lura u mietu.

## L-Isfond Storiku Parrokkjali Żebbuġi

Il-kriżi ekonomika li ħakmet lil Malta matul l-ewwel nofs tas-seklu dsatax wasslet biex l-ekonomija tal-gżira ma tkun xejn sabiħa. Castagna jgħid li fis-snin tletin, żewġ terzi tal-popolazzjoni kienu "*fl'akkal miseria*" (sic).[22] Dan kollu kellu l-effetti tiegħu anki f'Ħaż-Żebbuġ. Il-faqar żdied fil-gżira. Iż-Żebbuġin jidhru li wkoll ħassew dan il-perjodu tant li l-opri artistiċi, b'mod partikolari dawk tal-fidda, naqsu. L-aħħar opra tal-fidda li tissemma għas-seklu tmintax fis-suppliki kienet dik tas-sena 1794, meta kienet saret talba lill-Kurja biex il-kwadru fuq l-artal magħruf bħala tal-erwieħ ġewwa l-istess knisja parrokkjali jsirlu gwarniċ tal-fidda. F'Ħaż-Żebbuġ kien hemm devozzjoni qawwija lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju matul is-seklu tmintax, u dan l-artal kien jiġbor għotjiet ta' oġġetti materjali u flus. Fost l-oġġetti miġbura



*Ostensorju tal-"Veru Linju" li kien jintuża fil-purċissjoni tal-festa tas-Salib*

kien hemm dawk bħal qoton, qamħ u affarijiet oħra. Nofs il-ġbir kien jingħata bħala offerta ta' karità lill-isptar li kien hemm fir-raħal. Dan il-gwarniċ kellu jitħallas mill-flus li kien jibqa' mill-ġbir wara li jitħallsu l-ispejjeż (*avvanzi*) u minn dħul ieħor.[23]

L-eċċezzjoni kienu l-ewwel erbatax-il sena tal-preżenza tal-Ingliżi f'Malta. Il-gwerra bejn Franza Napoljonika u l-Ingilterra ta' Ġorġ III ġabet ġid lil Malta. Pietro Paolo Castagna jitkellem b'nostalġija fuq dan iż-żmien u fakkar li l-Maltin stess sejħulu *Zmien il Commerc* (sic).[24] Jidher li flus fl-idejn kien hemm sew. Dun Salvatore Ciappara jitkellem fuq opri kolossali tal-fidda għall-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ li saru fl-ewwel deċennju bħalma kien il-ventartal tal-fidda għall-maġġur li sar fl-1806[25] u s-salib tal-fidda, li kien inxtara mingħand l-Isqof Mattei fl-1808 biex jintuża bħala salib tal-kleru. Għalkemm il-knisja kellha wieħed kbir li kien inxtara fl-1763, xorta ħasset il-bżonn li tixtri ieħor iżgħar.[26] Luret Vella tkellem dwar kif fl-1811 kienu ddewbu żewġ qniepen qodma biex saru mill-ġdid tnejn ġodda magħrufa bħala l-Ġdida u tal-Mewt.[27] Ciappara jagħti x'jifhem li f'dan il-perjodu kienu anki saru sett ta' sitt lasti għall-baldakkin.[28] Tant kemm kien hemm saħħa ta' flus li ma tinsab l-ebda referenza fis-suppliki tal-Kurja għal xi problema finanzjarja wara x-xiri ta' dawn l-opri artistiċi.

Iżda mhux l-istess jista' jingħad għat-tletin sena ta' wara. Kemm Ciappara u anki s-suppliki jikkonfermaw b'mod indirett li l-flus kienu naqsu wara l-paċi milħuqa fl-1814 permess ta' dak li jissejjaħ il-Kungress ta' Vjenna. Waqt li naqas il-kummerċ, f'Malta ddaħħlu taxxi ġodda biex jagħmlu tajjeb għad-dħul inqas tal-Gvern kolonjali[29] waqt li x-xogħol artistiku, speċjalment dak fil-fidda, naqas bil-kbir. Anzi l-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ tispiċċa vittma ta' serqa ta' oġġetti tal-fidda. Skont Ciappara din is-serqa kienet seħħet f'Ġunju tal-1819. Serqu l-lampieri tal-fidda ta' San Ġużepp, tal-Karmnu u tal-Erwieħ flimkien ma' żewġ lanterni, li kienu wkoll tal-fidda. Ciappara jirrakkonta li dawn kienu nstabu u ġew mogħtija lura lill-knisja.[30] Iżda, il-lampier tal-artal tal-Erwieħ kien sarlu ħafna ħsara u kien sfigurat. Allura ma setax jerġa' jintrama. Minflok beda jintrama wieħed tar-ram. Il-prokuraturi ta' dan l-artal riedu li dan l-artal jerġa' jkun bħall-oħrajn u jkollu fih lampier tal-fidda. Għalhekk fil-bidu tas-sena 1825 saret talba li jsir wieħed ġdid tal-fidda mingħand l-arġentier Saverio Cannataci.[31] Cannataci, mhux biss ġie marbut li jagħmel il-lampier skont id-disinn u jaħdmu b'attenzjoni u arti, iżda wkoll ġie obbligat li jlestih mhux aktar tard mit-12 ta' Mejju 1825, "*in cui si sollennizza la festa del glorioso S. Filippo titolare di detta Par(rochia)le chiesa di detta Città Rohan*".[32] F'dik l-istess sena, Ciappara jirrakkonta, l-imgħallmin tal-irħam, Viċenz u Ġużeppi Dalli għamlu l-iskannell u t-taraġ tal-artal tal-Karità.[33] Wieħed ma jistax ma jinnotax li dawn ix-xogħlijiet ħabtu mal-*boom* ekonomiku kkontrollat ikkawżat mill-gwerra tal-indipendenza Griega li faqqgħet fl-1821 u kellha influwenza ekonomika fuq pajjiżna.



Biss forsi l-aktar ħaġa li jibqa' msemmi għaliha l-parrokat ta' Dun Tumas Scicluna (1801-1830), li matulu saru dawn l-opri artistiċi, kienet il-ħidma li saret mill-viċi tiegħu, il-qassis Ludovico Mifsud Tommasi, biex il-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ tingħata t-titlu ta' Knisja Arċipretali minn Ruma. Mifsud Tommasi rnexxielu jġib dan it-titlu fl-1829.[34]

Scicluna miet fl-1830, iżda l-parroċċa għamlet sentejn bla kappillan,[35] sakemm il-viċi Mifsud Tommasi rrinunzja d-dritt tiegħu, skont Achille Ferris, b'mod volontarju, tal-arċipretura ta' Ħaż-Żebbuġ, u b'hekk fl-1832, l-Isqof Caruana (li kien ħa t-tmexxija tad-djoċesi f'idejh fl-1831) seta' jagħżel lill-qassis Francesco Saverio Vassallo bħala l-kap spiritwali ġdid ta' din il-parroċċa.[36]

Fi żmien il-parrokat ta' Vassallo naraw figura oħra li tibda tispikka ġo Ħaż-Żebbuġ. Dan kien il-qassis Dun Salvatore Trevisan. Huwa laħaq il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, jiġifieri, dik l-istituzzjoni ġewwa l-parroċċa, li storikament kienet responsabbli mill-ġbir u t-twettiq ta' opri fil-knisja. Din ma kinitx kariga permanenti iżda kienet waħda li talterna. L-ewwel opra importanti li Trevisan u Vassallo ser jagħmlu tkun dik ta' apparat ġdid liturġiku, għaliex dak użat fis-sollennitajiet tal-knisja kien f'kundizzjoni xejn tajba. Fi Frar 1837 issir talba għal '*un'apparato di sette cappe,*



*Fuq: Ventartal bil-gwarniċ tal-fidda, 1850. Il-*pagliotto *oriġinali kien tad-drapp irrakkmat Fil-paġna ta' qabel: Prospettiva tal-Kappellun tal-Erwieħ, fil-knisja ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ*

*ed una tunicella per il crocifero di canavazzo d'oro per le sollennità della Santa Arcipretale Chiesa della Città Rohan'*. Skont din it-talba dan kellu jqum is-somma ta' 2650 skud,[37] iżda jidher li kien ġie jiswa aktar.[38] Fix-xiri ta' dan is-sett, toħroġ l-awstuzja ta' Vassallo u Trevisan għaliex irnexxielhom jiġbdu magħhom lill-fratellanzi u s-sodalitajiet kollha tal-parroċċa biex jipparteċipaw fl-għoti tal-flus għax-xiri ta' dan l-ilbies liturġiku.[39]



*Kurċifiss tal-fidda bis-Salib tal-injam tal-ebbanu, 1850*

Abbażi ta' memorja personali, Castagna jiftakar li Malta bdiet tieħu r-ruħ wara l-1840[40] u l-opri fil-knisja jibdew jiżdiedu. Ciappara jsemmi x-xiri ta' dan l-apparat tal-kannavazz. Hu żied li kien inxtara ventaltar, tużell u anki sar ir-restawr tal-kampnari.[41] Ferris jitkellem dwar numru ta' opri oħra artistiċi li saru fi żmien Vassallo, bħalma kien l-artal tal-kor, xogħol il-marmisti l-aħwa Darmanin fl-1845 u dan kien sar biex il-korp sant ta' San Gawdenzju jkun jista' jiġi vvenerat aħjar mill-pubbliku.[42] Tliet snin wara, jinbeda x-xogħol fuq artal ieħor tal-irħam tal-knisja, dak tal-Madonna tal-Karmnu,[43] li tlesta fl-1849.[44] Fl-1850, kienet saret purtiera tal-ħarir għall-bieb tal-istess knisja.[45]

Biss, meta wieħed iqabbel dawn l-attivitajiet ma' dawk li saru mill-1850 'il quddiem, wieħed isib li dawn kienu ftit. Ir-rinaxximent artistiku fil-parroċċa jibda fil-veru sens tal-kelma lejn tmiem il-parrokat ta' Vassallo. Ciappara[46] u Vella[47] jirrakkontaw li fl-1850 sar ventaltar bit-tilar irrakkmat għall-altar tal-Erwieħ. Is-suppliki jikkonfermaw dan. Il-qassis Antonio Xerri, bħala prokuratur tal-artal tat-Trinità, flimkien mal-qassis Giuseppe Cachia, bħala prokuratur tas-Sodalita tal-Agunija, għamlu talba flimkien biex isir *pagliotto*, jew id-drapp għall-ventartal irrakkmat li kellu gwarniċ tal-fidda.[48] Is-suppliki jkomplu jinfurmawna li f'dik l-istess sena, il-prokuratur tal-Fratellanza taċ-Ċintura, Filippo Mizzi, talab biex jagħmel kurċifiss tal-fidda bis-salib tal-injam magħmul mill-ebbanu.[49]

Anki l-ħsieb ta' statwa proċessjonali tal-fidda għandha tkun assoċjata ma' dan il-parrokat għaliex ser ikun Vassallo li jdaħħal l-idea tal-possibbilità tal-preżenza ta' statwi tal-fidda ġewwa l-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. Għalhekk, waqt li verament l-istatwa ta' San Filep kienet l-ewwel statwa proċessjonali tal-fidda li qed issir għall-Gżejjer Maltin, il-mudell ta' statwi żgħar tal-fidda bħala parti mill-kult fil-knisja huwa wieħed eqdem. Statwi tal-fidda nsibuhom użati biex iżejnu l-artal maġġur. Dawn jirrappreżentaw il-profeti jew l-appostli.

Fl-1853 l-Arċipriet Vassallo jikteb lill-Kurja u jinfurmaha li l-qassis Dun Michelangelo Raimondo Calleja kien ta lill-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ erba' statwi jirrappreżentaw l-erba' evanġelisti. Dawn l-istatwi kienu tal-fidda pura, ta' 1275 *oncie*, u li kienu qamu s-somma ta' 6000 skudi Maltin. Bħala ringrazzjament, kull sena beda jsir quddies għal ruħ il-ġenituri tiegħu u ntrabtu li joffru quddies għal ruħu wara mewtu.[50] Skont Ferris[51] u Ciappara[52], dawn saru Ruma u nħadmu mill-artista Vincenzo Belli, taħt id-direzzjoni ta' Overbeck.

## San Filep isir tal-Fidda

Dun Francesco Saverio Vassallo ħalla l-arċipretura fis-6 ta' Mejju 1854 biex sar monsinjur u arċipriet tal-Katidral.[53] Minfloku laħaq Dun Tommaso Naudi li serva ġol-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ sal-1862. Ciappara jattribwixxi lil dan l-arċipriet il-ġdid missall bil-pjanċi tal-fidda, mejda tal-magħmudija, dvalji u baċir tal-fidda.[54] Fuq kollox, Vella jikteb li fi żmien Naudi kienet inġiebet qanpiena minn Genoa (1856) magħrufa bħal dik tas-*Sanctus*.[55] F'dik is-sena wkoll, isir sett ta' sitt gandlieri tal-fidda tat-tieni ordni. Dawn ukoll saru mill-istess artist Belli, li kien għamel l-erba' evanġelisti u tħallsu wkoll mill-qassis Don Michele Angelo Raimondo Calleja. B'hekk issa l-artal maġġur kellu sett gandlieri magħrufa bħala tas-sekonda ordni pariġġ dak tal-prima ordni li kienu saru qabel is-seklu dsatax.[56] Quddiem din il-ġenerożità kollha, l-Arċipriet Naudi ried li jsir kwadru ta' Calleja iżda ma kienx hemm post fejn jitwaħħal mal-ħajt tas-sagristija. Għalhekk l-istess Arċipriet Naudi talab f'Jannar tal-1856 lill-Kurja biex ikun jista' jċaqlaq ritratt tal-Isqof Caruana ħalli jagħmel spazju fejn idendel dan ir-ritratt ta' Don Michele Angelo Raimondo Calleja.[57] Skont Vella, din il-pittura hija xogħol tal-pittur Taljan Gallucci.[58]

Biss l-aktar ħaġa li jibqa' mfakkar għaliha Naudi kien il-fatt li fi żmienu Ħaż-Żebbuġ beda jiġbor biex issir l-istatwa tal-fidda ta' San Filep, proġett li nbeda fl-1860 grazzi għall-ħidma ta' Dun Salvatore Trevisan.[59]

Naudi ma kienx l-arċipriet li ser jilqa' din l-istatwa ġewwa Ħaż-Żebbuġ għaliex hu sar kanonku tal-Katidral fid-29 ta' Settembru 1862. Minfloku laħaq Dun Francesco Borg. Ix-xogħol tal-wasla tal-istatwa kollu waqa' fuq Borg. Biss, għal xi raġuni jew oħra, Borg ħass li kellu bżonn l-għajnuna. Ikun f'dan il-mument li tidħol figura oħra, li sal-lum baqgħet moħbija, iżda li kienet prinċipali f'din il-ħidma biex din l-istatwa ta' San Filep setgħet titlesta u tinġieb minn Ruma. Dan ma kien ħadd għajr Dun Salvatore Ciappara nnifsu. L-għażla tiegħu ġiet direttament mill-isqof ta' dak iż-żmien, Gaetano Pace Forno. Ciappara ngħata l-awtorità li jkun il-kustodju u l-prokuratur ta' dawn l-opri flimkien mal-għotjiet tal-fidili li kienu qed ikunu mogħtija għal din l-opra, bid-dritt li jitlob mingħand il-prokuraturi tal-knisja (jiġifieri dawk li kienu qed jieħdu ħsieb il-*Veneranda Lampada*), dak kollu li kien neċessarju biex titħallas din l-opra u dak kollu li kien meħtieg għall-ħarsien u l-priservazzjoni tagħhom.[60] Ma għandux ikun hemm l-iċken dubju, li Ciappara ħadem minn wara l-kwinti u kien bis-saħħa tiegħu li din l-opra ta' San Filep setgħet titħallas u tasal Ħaż-Żebbuġ.

Iżda għal xi raġuni jew oħra, l-involviment ta' Ciappara waqa' fl-oskurità. Ir-raġuni storika għal dan tinsab fil-fatt li t-tagħrif li għandna dwar din l-istatwa hu dak mogħti minn Ciappara nnifsu fil-ktieb li qed ikun ikkwotat f'dan l-istudju. Ciappara evita li jsemmi ismu, kemm fil-qoxra tal-ktieb, u wisq iżjed jitkellem dwar l-involviment tiegħu f'din il-ħidma storika. Minflok, Ciappara għażel li jiffoka fuq ix-xogħol li kien għamel Trevisan favur din l-istatwa, li kien il-prokuratur, li kien beda din il-ħidma.[61]


*L-istatwa tal-fidda ta' San Filep fuq il-bankun il-qadim*

Għalhekk, il-figura ta' Ciappara ntesiet għall-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ. Iżda dokument fl-atti ċivili tal-Kurja juri storja oħra u jagħraf lil Ciappara bħala l-persuna responsabbli għall-wasla ta' din l-istatwa f'Ħaż-Żebbuġ. Fl-atti ċivili tat-13 ta' Ottubru 1863, ikun irreġistrat li l-isqof tad-djoċesi, Gaetano Pace Forno, espressament

ried lil Dun Salvatore Ciappara biex ikun il-prokuratur ta' dawn l-erba' istatwi u dik tal-istatwa tal-fidda ta' San Filip, jieħu ħsiebhom u jkollu wkoll id-dritt li jiġbor għalihom mingħand il-prokuraturi u n-nies ta' Ħaż-Żebbuġ.[62] Dan l-att fih innifsu juri l-importanza li din l-istatwa ngħatat mid-djoċesi Maltija. Imbagħad, l-isqof għabba lil Ciappara bir-responsabbiltà tal-ħarsien tagħhom. Għal xi raġuni jew oħra, l-isqof ma riedx il-prokuraturi tal-*Veneranda Lampada* jkunu risponsabbli minn dawn l-opri tal-fidda. Din l-għażla kienet waħda providenzjali, għaliex Borg ma kellux ħajja twila. Hu miet nhar it-2 ta' Mejju 1864.[63] Iżda minkejja kull problema, Ciappara assigura li l-istatwa ta' San Filep issir u tinġieb Malta.

Wieħed jissuspetta li l-problemi ta' saħħa tal-arċipriet dgħajfu t-tmexxija tal-parroċċa u anki qiegħdu dan il-proġett tal-istatwa f'riskju. Id-dokumentazzjoni tal-Kurja tikkonferma li l-prokuraturi tal-*Veneranda Lampada* kellhom diffikultà fil-ġbir tal-flus biex jassiguraw il-festi esterni marbuta mal-wasla tagħha. Saħansitra, wieħed jissuspetta li kellhom problemi amministrattivi, relatati ma' din l-opra kbira. Dawn wasslu biex anki kien hemm tibdil fil-prokuraturi nfushom. Fil-bidu tas-snin sittin tas-seklu dsatax, il-prokuratur kien il-qassis Salvatore Pisano. Dan Pisano kien ħa post Dun Salvatore Trevisan. Biss dan Pisano ma kienx amministratur tajjeb. Akkumula xi djun marbuta ma' din l-istatwa u postu bħala prokuratur tal-*Veneranda Lampada* għadda għand Dun Tommaso Debono,[64] waqt li l-ħarsien tal-istatwa għadda f'idejn Trevisan. Dawn il-problemi spiċċaw ikollhom konsegwenzi fuq l-ispejjeż għall-ġarr tal-istatwa lejn Malta u biex iwassluha Ħaż-Żebbuġ u l-festi li kien hemm marbuta magħha. Waqt li għall-ġbir tagħha ma kien hemm l-ebda diffikultà, f'daqqa waħda kien hemm diffikultajiet kbar anki biex jitħallas it-trasport tagħha. Il-prokuratur Tommaso Debono kiteb lill-Kurja fejn infurmahom dwar dawn l-i"*Spese Translazione Statua San Filippo*". Debono jistqarr li hu kien wiret problema finanzjarja mingħand il-prokuratur ta' qablu, Dun Salvatore Pisano. Debono jitlob lill-isqof biex iħallih jieħu flus minn *Fondazione* magħmula mill-qassis Dun Michelangelo Raimondo Calleja u li kellha dħul ta' 3000 skud biex ikun jista' jagħmel il-festi straordinarji li kienu ser isiru biex tkun iċċelebrata l-wasla tal-istatwa ġdida ta' San Filep. Dawn il-festi kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-*Veneranda Lampada*, li kif rajna, kienet l-istituzzjoni ġewwa Ħaż-Żebbuġ li tagħmel il-festa ta' San Filep. Hu informa lill-Kurja li jekk din it-talba ma tkunx milqugħa, hu ma kellux triq oħra għajr li jirreżenja minn prokuratur. Il-Kurja waslet għal kompromess u, mingħajr ma waqgħet għal dan ir-rikatt, il-prokuratur tħalla jieħu s-somma ta' 250 skud mid-dħul ta' din il-Fundazzjoni, imma mhux id-dħul kollu.[65]

Il-wasla ta' din l-istatwa tat lok u spinta għal numru ta' xogħlijiet ġodda fil-knisja. L-ewwel biċċa xogħol tkun marbuta ma' din il-wasla, għaliex fl-istess sena, jiġifieri l-1863, isir rikors mis-saċerdot Dun Salvatore Ciappara bħala prokuratur tat-tapizzerija,

biex isir ir-restawr ġenerali tad-damask tal-knisja u għalhekk jitlob biex ikun jista' jibda jiġbor għal din l-opera.[66] B'hekk ambjent ġewwa l-knisja kien idoneu biex jilqa' din l-opra artistika, li kienet l-aktar statwa importanti li saret fis-seklu dsatax.

L-Arċipriet Pietro Bartolo ħa post Borg u beda l-ħidma tiegħu f 'Settembru 1864.[67] Bartolo kompla juri interess fl-opri artistiċi tal-fidda li kellha l-knisja.[68] Fl-1865, intalab biex isir inventarju tal-oġġetti tal-fidda tal-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.[69] Iżda l-aktar opra importanti li ssir fil-bidu tal-parrokat tiegħu tkun dik ta' niċċa ġdida għall-istatwa ta' San Filep. Il-*Maestro falegname* jew mastrudaxxa Filippo Vella u l-ħaddied Salvatore Said jitqabbdu biex jagħmlu xi xogħol fuq l-istatwa kif ukoll għan-niċċa. Din qamet 44 lira sterlina, 11-il xelin u 10 soldi. Biss ma kienx hemm flus biżżejjed biex jitħallsu. Kemm Vella u Said, wara li saru jafu b'dawn id-diffikultajiet, ma ridux ikomplu x-xogħol. Għalhekk il-prokuratur Dun Tommaso Debono kien awtorizzat biex jissellef sa 600 skud bl-interessi sa 3 fil-mija fis-sena, *a carico della Veneranda Lampada* u li kellu jitħallas mill-istess Tommaso Debono permezz tal-legat tas-saċerdot Dun Michelangelo Raimondo Calleja favur l-istess knisja. Hu ntrabat li jagħti rendikont eżatt lill-knisja għall-i*spesi* magħmula.[70]

B'hekk l-istatwa titulari u x-xogħol relatat magħha jidħol eżattament f 'dan l-iżvilupp ta' kulti li kienu qed isiru ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Dawn l-opri tal-arti kollha li kienu saru bdew juru li l-problemi finanzjarji li l-poplu għadda minnhom fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax kienu issa qed jiġu ssuperati, waqt li din il-problema marbuta mat-trasport u l-festi f 'ġieħ l-istatwa kienu żgħar u relatata ma' amministrazzjoni ħażina. Kien hemm fiduċja fost il-poplu li opri artistiċi kien possibbli li jsiru, inkluż opri li huma ta' valur inestimabbli. Iżda l-poplu jrid ukoll persuni ta' fiduċja tiegħu. Meta dan kien iseħħ, kien jagħti aktar bil-qalb. Fuq kollox, kif juru ħafna mill-benefatturi wara dawn l-opri, in-negozjanti li kien hemm fir-raħal kienu qed iħarsu barra minn xtutna biex jixtru l-opri tal-knisja. Kienu konvinti li l-flus ma kinux problema. Anzi n-numru ta' opri li saru fl-għoxrin sena ta' wara wrew b'mod tajjeb kemm din kienet il-verità storika. Fil-każ ta' Ħaż-Żebbuġ, minn mindu saru l-erba' evanġelisti tal-fidda ġewwa Ruma, bdew ifittxu li jagħmlu l-opri tagħhom barra minn xtutna, għand l-aqwa artisti ta' dak iż-żmien, kemm f 'Ruma u fi Franza.

## Xogħlijiet Oħra fil-Knisja

It-tiżjin fiżiku tal-knisja kien ukoll xi ħaġa oħra għal qalb iż-Żebbuġin tat-tieni nofs tas-seklu dsatax. Hu interessanti li dan it-tiżjin, in-nies ta' dik il-ħabta kienu jarawh bħala *ristaurazione della fabbrica* tal-knisja.[71] Sar minn nies li kienu fuq quddiem nett f 'dik

li hija kultura ta' żmienhom. Dan it-tkabbir l-aktar li jidher hu fid-dokumentazzjoni tal-atti ċivili.

Ma hemmx dubju li dan is-saċerdot bid-dottorat, Dun Giuseppe Gaudenzio Tabone, kien wieħed ħabrieki ħafna u ħadem ħafna biex iżejjen il-knisja ta' San Filep. Fl-1882 jikteb lill-Kurja dwar rikors li kien għamel fis-26 ta' Settembru 1881, biex juża flus tal-*Veneranda Lampada* ħalli jkun jista' jagħmel numru ta' restawri fl-arredi tal-knisja.[72] Nafu mingħand Ciappara, li kienu saru xogħlijiet ta' tqegħid ta' rħam f'dik il-ħabta fuq id-dħul taż-żewġ sagristiji u t-tliet bibien tal-knisja.[73]

Fl-1882 il-prokuratur tal-*Pii Legati* tal-*Veneranda Lampada*, Dun Michele Vassallo, jirreferi għal degrieti li kienu saru mill-Isqof Gaetano Pace Forno fis-16 ta' April 1859 u fit-3 ta' April 1865 biex ikunu jistgħu jsiru restawri fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. Id-djun akkumulaw u b'hekk fl-1882 saret supplika f'dan is-sens minħabba l-ħlasijiet tagħhom, biex mill-flus li nġabru jitħallsu djun rigwardanti t-tiswijiet fil-knisja u biex dan isir, intalab li għandu jsir *audit* aktar eżatt tal-flus li ntefqu.[74] Għal darba oħra, intalab il-permess biex jintużaw ċerti kapitali ħalli jkun jista' jitħallas id-dejn.[75]

Fuq kollox, matul is-sena 1879, benefattur ħallas biex il-kor tal-knisja jiġi rħamat.[76] Dan ix-xogħol seta' jsir għaliex Ħaż-Żebbuġ jibda jibbenefika mill-emigranti li jibdew jibagħtu flus lura lejn raħal twelidhom ħalli jsebbħu l-knisja parrokkjali. Ċertu atti tan-nutara, bħalma kienu dawk ta' William John Stevens, juru l-preżenza ta' kummerċ mal-Amerika ġa fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax.[77] Il-prokuratur tal-knisja, Dun Dr Giuseppe Gaudenzio Tabone, jikteb lill-Kurja fejn jgħarrafha li l-emigrant Żebbuġi li kien qed jgħix l-Amerika, ċertu Giuseppe Spiteri, offra li jħallas għall-irħamar tal-presbiterju tal-knisja. Din l-offerta kienet saret fl-1878. Għamel kundizzjoni li titqiegħed l-arma tiegħu fuq il-presbiterju u li ssir quddiesa letta f'ħajtu u anki fl-anniversarju ta' mewtu.[78] Dan ix-xogħol kien tlesta fl-1882 mill-marmista Sqalli Mariano Spina.[79]

Fl-istess żmien, isiru xi restawri fuq l-imħażen li kienu jintrefgħu fihom affarijiet tal-knisja, isir apparat sagru u jiġi irranġat is-sotterran li hemm taħt il-kor.[80] Iżda, l-ikbar biċċa xogħol ta' manutenzjoni kienet dik tal-paviment tal-knisja. Fl-1899, jintalab biex isir paviment ġdid tal-irħam għall-knisja. Dak qadim kien ġie deskritt mhux denju fil-viżita pastorali li saret f'Ħaż-Żebbuġ fl-1896.[81] Dan ix-xogħol tlesta fl-1898 u tħallas mill-ġbir flimkien mas-somma ta' mitt lira sterlina li kien ħalla Dun Salvatore Trevisan fit-testment tiegħu għal dan il-għan.[82]

Il-ħafna festi bit-tiżjin beda jkollhom l-effett tagħhom fuq l-artal maġġur. Il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada* lmenta li l-irħam tal-istess artal saritlu ħafna ħsara bl-armar u

ż-żarmar tal-gandlieri. Ġara li l-gandlieri ma setgħux joqogħdu aktar dritti jekk ma jkunux megħjuna mill-infilsar tal-injam tagħhom. Għalhekk, fl-1884, intalab il-parir tal-Professur Nikola Zammit biex imur fuq il-post ma' marmista ħalli jara l-wiċċ tal-artal u kif dan il-wiċċ seta' jiġi irranġat. L-istima kienet ta' 250 skud. Għall-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, it-talba ta' ħlas tqieset bħala waħda ġusta.[83] Fi kliem Vella, dan l-intervent wassal biex twessgħat xi ftit l-ixkaffa tal-irħam tal-artal maġġur.[84]

Ma' din l-ispiża trid tiġi marbuta oħra li saret fuq il-gandlieri tal-fidda. Sal-1895, dawn kienu għadhom jintramaw fuq pedestall tal-injam. F'dik is-sena, il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, Teodoro Gatt, nefaq 8 liri sterlina u 10 xelini biex jagħmel 12-il bażi tal-bronż '*dorato*' għal dawn il-gandlieri tal-fidda u fi kliem l-istess arċipriet ta' dik il-ħabta dan ix-xogħol fil-bronż kien "*un opera artistica ed assai ricca*".[85]

Ma' dan ix-xogħol ġdid għandu jiżdied missall tal-quddiesa bil-qoxra tal-fidda li sar fl-1894. Għal dan il-missall kienu nbiegħu xi oġġetti tad-deheb u tal-fidda deskritti bħala *inutile*, fosthom xi ġojjellerija femminili. B'kollox dawn ġabu l-valur ta' 7 liri u 11-il xelin. L-istima saret mill-arġentier (*orifice*) Giuseppe Meli. Biss xorta ma kienx hemm flus biżżejjed u għalhekk ċertu Saverio Bonnici ħareġ il-kumplament ta' 16-il lira sterlina biex ikun jista' jsir dan il-missall. Il-missall sar bħal dak li kellha l-knisja mil-legat tal-mejjet Vincenzo Bugeja.[86]

Biss l-ikbar opra tal-fidda li l-parroċċa kienet qed taħdem fuqha lejn tmiem is-seklu kienet dik ta' ventartal ġdid għall-artal maġġur. Għal dan il-għan, kienu qed jitwarrbu l-flus li kienu qed jinġabru mill-kiri tas-siġġijiet fil-knisja. Anzi, fis-sena 1893, l-Arċipriet Lwigi Attard jagħmel talba biex ikun jista' jżid in-numru ta' siġġijiet għaliex il-konkorrenza għas-servizzi liturġiċi kienet qed tikber. L-arċipriet indika li mill-flus li kienu ser idaħħlu mill-kiri ta' dawn is-siġġijiet, kienu ser imorru biex isir dan il-ventartal (*pagliotto*) tal-fidda ġdid li kien qed isir għall-artal maġġur.[87] Dan il-proġett kien inbeda fis-snin tmenin, mill-arċipriet ta' qabel ta' qablu, Dun Pietru Bartolo fuq id-disinn tal-istess Lazzaro Pisani,[88] iżda waqa' ftit lura fil-ġbir. Imbagħad, grazzi għall-istinkar tal-Arċipriet Attard inġieb fi tmiemu fl-1895.[89]

Biss, quddiem dawn l-iżviluppi kollha, il-bżonnijiet ta' kuljum ma ġewx minsija. Il-liturġija kienet tingħata importanza kbira u kull arċipriet baqa' jinsisti li din kellha ssir b'mod dekoruż. Is-saċerdot Dr Giuseppe Gaudenzio Tabone, bħala prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, ħadem għax-xiri ta' sett ta' paramenti sagri għall-użu ta' kuljum fl-1875.[90] Fl-1893, Dun Isidorio Gatt, bħala l-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, għamel "*pagliotto violacco e un tapeto*" għall-artal maġġur.[91] F'dik l-istess sena saru żewġ purtieri għall-bibien laterali għax dawk li kien hemm kienu spiċċaw.[92]

Il-ġarr tal-katavri ngħata wkoll l-importanza tiegħu. Kienet saret ukoll sodda ġdida tal-injam biex fiha jinġarru l-mejtin. Normalment, il-mejtin ma kinux jinġarru fi twiebet iżda fuq din is-sodda miftuħa speċjalment meta d-dfin kien isir fil-knisja. Id-dfin f'ċimiterji pubbliċi (u eventalment anki fil-knisja) kellu jsir bit-twiebet, wara li fl-1888, kienet għaddiet liġi li kellha effett fl-Imperu Ingliż kollu, u għamilha mandatorju l-użu tat-tebut fid-dfin pubbliku.[93] Sakemm din il-liġi Vittorjana ħalliet l-effett tagħha fuq Malta, id-dfin kien isir b'din is-sodda li kienet tissejjaħ katafalk u l-katavru kien jitniżżel mingħajr tebut fil-qabar. Ma' dan il-katafalk kienu saru wkoll il-gandlieri tal-ħadid. Il-fratellanzi u l-kongregazzjoni kollha ħarġu sehemhom ħalli dan is-servizz ikun aktar dinjituż għaliex kien użat mill-membri tagħhom.[94]

Il-pittura wkoll ma ġietx traskurata. Fl-1883 saret talba biex il-kwadru titulari ta' San Filep fil-knisja parrokkjali jkun restawrat. It-talba saret minn Ciappara Delicata fejn fiha jgħid li "*che il quadro che rappresenta il titolare San Filippo, per la sua si grande antichità ha grande bisogno di essere ritoccato e restaurato*". Ix-xogħol għamlu l-pittur Lazzaro Pisani, waqt li l-ispiża telgħet għal madwar 10 liri. Din tħallset minn benefattur, li bil-qalb offra li jagħmel tajjeb għal dan ix-xogħol.[95]

Lazzaro Pisani kien verament patrijott ta' Raħal Twelidu. Kien ukoll ħadem b'xejn għall-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fil-ktieb tiegħu, Dun Salvatore Ciappara jitkellem dwar ħafna interventi fuq kwadri reliġjużi minn Pisani li kien hemm fil-knisja u knejjes oħra f'Ħaż-Żebbuġ.[96] Id-dokumenti tal-Kurja jikkonfermaw dan. Fl-1893, hu aċċetta li jagħmel b'xejn restawr fuq numru ta' kwadri li kellha l-knisja. Bħala rikonoxxenza ta' dan ix-xogħol talab li jkun jista' jindifen fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ. L-Arċipriet Luigi Attard ma ddejjaq xejn jagħti s-sapport tiegħu għal din it-talba ta' Pisani tant li ddeskrivieh hekk mal-awtorità ekkleżjastika: "*Il Sigr. Lazzaro Pisano è un vero benefattore della mia chiesa essendo vero il suo esposto, quindi merita ogni raccomandazione*".[97] L-awtoritajiet ekkleżjastiċi ma kellhomx diffikultà li jagħtu dan il-permess.[98]

Xogħol ieħor ta' manutenzjoni li sar fil-knisja kien dak ta' fuq l-arloġġ u fuq l-orgni. Il-magna tal-arloġġ kienet qdiemet u għalhekk kien hemm bżonn ta' aktar manutenzjoni biex tinżamm taħdem preċiż.[99] Dan wassal biex sar arloġġ ġdid fl-1882 mill-magħruf arluġġar Malti, Mikelang Sapiano.[100] F'dik l-istess sena, saret talba minn Michele Dimech, li kien is-sagristan tal-knisja (*serviente*) fejn informa lill-Kurja li hu kien il-persuna li kienet ġiet imqabbda biex tieħu ħsieb dan l-arloġġ u għalhekk talab lill-isqof biex ikun jista' jżomm dan l-inkarigu u ta' dan ikun approvat ħlas ta' ftit skudi (sitta) fis-sena.[101]

Finalment, fl-1892, il-prokuratur tal-*Veneranda Lampada*, is-Sur Filippo Scerri, nefaq 100 skud biex jirranġa l-orgni, waqt li ġustament il-fratellanzi kollha ntalbu biex jikkontribwixxu għall-manteniment tiegħu.[102]

## Il-Fratellanzi tar-Rużarju u tal-Karità

Fuq kollox il-wasla tal-istatwa tal-fidda ġewwa Ħaż-Żebbuġ trid tkun studjata fl-isfond tal-iżvilupp tal-fratellanzi ġewwa dan ir-raħal u l-purċissjonijiet votivi li huma kienu jorganizzaw f'ġieħ il-patrun jew patruna tagħhom. Waħda mill-fratellanzi li ser insibuha tikber fis-seklu dsatax kienet dik tar-Rużarju. Din il-fratellanza tidħol fi proċess ta' tiġdid u tintroduċi, fl-1810, sett ta' regoli jew aħjar statut biex fuqu tkun tista' titmexxa mill-fratelli peress li qabel ma kellhiex wieħed.[103]

Fl-1851, il-prokuraturi tal-Konfraternità tar-Rużarju, il-qassis Paolo Galea, Gio Maria Misali u Angelo Mamo, għamlu talba biex jagħmlu standard bid-damask abjad irrakkmat bid-deheb, ħalli jkun uniformi mal-istandardi l-oħra. Dak ta' qabel kien tal-lama tad-deheb. Biex seta' jsir dan l-istandard intalab li jkunu jistgħu jintużaw xi għotjiet tad-deheb li kellha l-Madonna biex jitħallas ix-xogħol u l-ispiża tiegħu.[104]



*Il-ventartal tal-artal tal-Madonna tar-Rużarju fil-Knisja ta' San Filep, Ħaż-Żebbuġ*

Is-suppliki jagħtu tagħrif ieħor dwar il-ħidma tal-Fratellanza tar-Rużarju. Insibu, fost l-oħrajn, li l-prokuraturi Giuseppe Buttigieg u Lorenzo Attard jitolbu biex jagħmlu gwarniċ tal-fidda fl-1855. Dan il-ventartal kellu d-disinn tiegħu simili għal dak li kien sar għall-artal tal-Erwieħ fl-istess knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Iżda minħabba l-ispejjeż li din l-opra kienet ġejja tiswa, saret talba lill-Kurja ħalli jkunu jistgħu jiġu żbankati xi flus ħalli jitħallas dan il-gwarniċ tal-fidda jew *pagliotto*, tar-Rużarju. It-talba kienet saret minn Giuseppe Buttigieg, Lorenzo Attard, u Salvatore Attard, kollha prokuraturi tal-Fratellanza tar-Rużarju fl-1857.[105]

Il-wasla tal-istatwa u forsi l-ispejjeż tagħha affettwaw il-ġbir tal-Fratellanzi għaliex l-attivitajiet ta' din il-fratellanza jieħdu spinta sew 'il quddiem wara l-1870. Wara l-elezzjonijiet li kienu saru fi ħdan din l-istess fratellanza, il-fratelli kienu għażlu lill-qassis Dun Vincenzo Callus bħala l-prokuratur tal-Fratellanza tar-Rużarju minflok is-saċerdot Paolo Galea. Immedjatament, il-fratelli kitbu lill-Kurja u għarrfuha b'din il-ħatra.[106] Fl-1874, il-prokuratur Callus jidħol għal biċċa xogħol biex titħallas l-ispiża tal-indurar tal-istatwa bid-deheb, xogħol li kien approvat fi żmien il-prokuratur ta' qablu fl-1872.[107] Skont Ciappara, dan ix-xogħol kien sar mill-pittur Giuseppe Calleja.[108] Biss kien inqala' inkwiet peress li din l-istatwa kienet tintuża wkoll mill-Fratellanza tal-Karità, u allura kien sar ftehim li l-istess fratellanza tagħti sehemha għal dawn l-ispejjeż. Kien saħansitra ħareġ degriet l-Isqof Pace Forno fit-12 ta' Novembru 1872 għal dan il-għan. Biss il-prokuratur tal-Karità, Filippo Balzan, ma żammx mal-ftehim u ma ħallasx sehem il-Fratellanza għal dan ix-xogħol.[109] Dan wassal biex inqalgħu tensjonijiet bejn il-Fratellanza tar-Rużarju u dik tal-Karità. Il-Fratellanza tar-Rużarju ma kinitx qed tieħu gost li l-istatwa tar-Rużarju tibqa' tintuża fil-purċissjoni tal-Karità. Għalhekk il-prokuratur tar-Rużarju, Dun Michele Ciappara, għamel talba fl-1881 biex l-istatwa ma tibqax tintuża fil-festa tal-Karità.[110]



*Statwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Pietro Felici, 1740*

Fl-1888, is-saċerdot Giovanni Balzan, li kien issa l-prokuratur tar-Rużarju, ħadem biex il-gwarniċ skulturat tal-injam (ventartal), *una dozzina di candellieri di lingo, due anterne di metallo non che un corpo di un grande crocifisso di bronzo: cosetutte che hanno bisogno di restauri e di argentatura.* Insiru nafu wkoll li fis-sena ta' qabel, jiġifieri fl-1887, il-prokuratur kien għamel *dieci fioretti a ganetilio per la festività: ma non avendo avuto vasoni adatti ove mettere tali fioretti, hanno piuttosto sfigurato l'artale.* Il-prokuratur talab il-permess biex jixtri l-vażuni u jagħmel ir-restawri meħtieġa. Dan kollu kien qam 15-il lira sterlina. It-talba ssir mill-Arċipriet Giuseppe Tagliaferro.[111]

Dan l-istess prokuratur Balzan, fl-1889, ħadem biex issir *sopratovaglia con ricamo d'oro* għall-artal tal-Madonna tar-Rużarju. Ħamsin individwu kienu ġa tawh madwar 30 lira. Hu kien beda l-ġbir wara li kien talab il-permess lill-arċipriet, iżda l-ammont miġbur ma kienx biżżejjed biex isir dan ix-xogħol. Ix-xogħol kien ġie stmat li ser iqum madwar 60 lira sterlina. Id-disinn għal din is-s*opratovaglia* ġie ppreparat minn Lazzaro Pisani. Balzan jgħarrafna li '*quale disegno venni molto approvato dai conoscitori'*. Ġie mqabbad *Dr Giuseppe Cremona, figlio del magistrate al Gozo per trattare con una delli principali case a Parigi per dare principio al lavoro.* Għalhekk intalab permess biex ikunu jistgħu jintużaw il-flus mill-*cassa* tal-fratellanza għal dan l-iskop biex issir din is-*sopratovaglia*.[112]

L-aħħar opra reġistrata fis-suppliki magħmula mill-Fratellanza tar-Rużarju kienet dik biex isir dak li hu magħruf bħala *fiocco,* jew kif kienu jgħidu bil-Malti 'loppa' li tintrama fuq il-lampier. Dan sar fl-1895. Il-ħtieġa ta' dan il-*fiocco* kienet ġejja mix-xewqa tal-istess fratellanza li jkun hemm armonija estetika fil-knisja li, matul il-perjodu Romantiku, din kienet tinftiehem li għandha tintlaħaq permezz tas-simetri eżatti. Għalhekk talbet biex ikun jista' jsir *fiocco* bħal dak li kienu qed jużaw il-Fratellanzi tal-Karità, tad-Duluri u S. Agata. B'hekk, peress li dan l-artal tar-Rużarju jinsab f'nofs il-kappellun u dak tal-Karità jinsab maġenbu, il-lopop kienu issa ser ikunu l-istess, speċjalment meta dawn jintużaw u jintramaw fil-festa ta' San Filep, barra mbagħad li kienu jintużaw u jintramaw fil-festa proprja tal-artal. Dan il-*fiocco* sewa lill-Fratellanza tar-Rużarju 5 liri.[113]

Il-Fratellanza tal-Karità ma qagħditx lura, anki jekk ser tkun l-inqas waħda, f'dik li hi inizjattiva għall- oġġetti artistiċi. Forsi l-aktar opra importanti kienet dik tal-1857, meta l-*Congregazione* jew Fratellanza tal-Karità timxi fuq l-istess passi tal-Fratellanza tar-Rużarju u anki tordna dak li ssejjaħ *pagliotto di canavazzo d'oro per essere uniforme agli altri altari*, jiġifieri t-tilar irrakkmat tal-ventartal. Ħa ħsieb ix-xogħol il-prokuratur ta' din il-fratellanza, il-qassis Paolo Galea, fejn informa lill-Kurja li din il-biċċa xogħol kienet ser tiswa 140 lira sterlina.[114]

L-aspetti relatati mal-purċissjoni ma tħallewx lura. L-ewwel opra importanti li ssir hija dik tal-istandard tal-fratellanza. Fl-1857, il-prokuratur tal-fratellanza, Filippo Zammit, għamel talba biex ikun jista' jagħmel standard bil-frill tad-deheb.[115] Talba simili terġa' ssir ħafna snin wara, fl-1889, mill-prokuratur ta' dik il-ħabta, Vincenzo Grech. Dan talab "*di rinnovare il drappo del suo stendardo da servirsene nelle solenni festività non essendone il vecchio più conveniente che per festi non solenni*". Dan kien ser iqum bejn 35 u 40 lira li kienu ser jinġabru mill-fratelli u nies oħra devoti tal-Madonna.[116]

## Il-Fratellanza tas-Sagrament

Anki fil-każ tal-Fratellanza tas-Sagrament, l-ewwel talba relatata mas-suppliki saret fl-1855 biex isir standard ġdid. Dan kien sewa *448 scudi 5 tari 1 gran*.[117] Oġġett ieħor assoċjat mal-purċissjonijiet organizzati mill-Fratellanza tas-Sagrament huwa l-baldakkin. Hawn ukoll naraw żviluppi interessanti li jkomplu jikkonfermaw li l-purċissjonijiet komplew jespandu ġewwa Ħaż-Żebbuġ matul is-seklu dsatax. Din id-darba, il-purċissjoni bis-sagrament kienet tieħu importanza aktar minħabba t-twemmin Kattoliku Ruman, fejn is-Sagrament hu mitqies bħala Alla nnifsu u għalhekk irid jingħata kull qima u anki jkun adorat. Din kienet l-aktar ħaġa li bdiet turta lil numru ta' suldati Protestanti u Anglikani għaliex huma ma kinux jagħrfu lilhom infushom f'dan it-twemmin u kull adorazzjoni lejn is-sagrament kienet tfisser għalihom idolatrija. Biss, għall-Maltin, din kienet raġuni oħra ta' għarfien kollettiv għaliex meta l-Ingliżi u r-reġim tagħhom kienu qed ikunu kostretti li jagħtu qima lis-sagrament, kienu bla ma jridu qed jirrikonoxxu dan it-twemmin Kattoliku. Dan kien ifisser li qed jirrikonoxxu li l-Maltin għandhom ikunu rispettati ġewwa pajjiżhom.

It-talbiet li saru f'nofs is-seklu dsatax biex isiru baldakkini ġewwa Ħaż-Żebbuġ jikkonferma l-importanza li din il-purċissjoni bdiet tingħata ġewwa dan ir-raħal matul dan il-perjodu, fejn ukoll, aktar minn qatt qabel, ser tikber fis-solennità tagħha bħala manifestazzjoni pubblika marbuta mal-fidi.

Il-Fratellanza tas-Sagrament għamlet baldakkin fis-sena 1850.[118] Biss, sitt snin wara, il-prokuratur tal-fratellanza, Filippo Scerri, joħlom li jagħmel ieħor ħafna isbaħ. Fl-1856, l-isqof ħareġ id-degriet biex ikun jista' jsir dan il-baldakkin. Intqal li dak li kien hemm qabel, kien magħmul minn damask sempliċi bil-galluni tad-deheb, imma kien f'kundizzjoni "*meschino*".[119] Intweriet ix-xewqa li dan il-baldakkin ġdid isir mid-drapp magħruf bħal "*cannavazzo d'oro*", jiġifieri drapp tal-ħarir imbrokkat bid-deheb. Għalhekk dan kien drapp li jiswa ħafna flus. Intweriet ix-xewqa li dan l-istess baldakkin jibda jintuża wkoll fil-festa tas-Salib, li fiha kienet tinħareġ ir-relikwja tal-*Vero Legno*,


IN
RI

jiġifieri fraka jew skalda mis-salib ta' Kristu. Fil-liturġija Kattolika Rumana, din ir-relikwja kienet tingħata l-istess trattament li kien jiġi mogħti lis-sagrament, kemm f'termini ta' riti u anki ta' lbies liturġiku.[120] Kif għedna, kien hemm żewġ festi marbuta mas-Salib. Waħda kienet issir fit-3 ta' Mejju. Biss, l-aktar waħda importanti għal Ħaż-Żebbuġ kienet il-festa tal-Venerazzjoni tas-Salib li kienet issir fl-14 ta' Settembru. Din il-festa kienet mitqiesa bħala waħda popolari.[121]

L-Arċikonfraternità tas-Sagrament ta' Ħaż-Żebbuġ kellha f'dik il-ħabta nies kapaċi li setgħu joffru baldakkin li fih innifsu kien opra tal-arti. Kellha fiha membri mid-dinja tan-negozju u dawn kienu ferm attivi fl-organizzazzjoni u fil-ħidma tal-fratellanza. Dan jikkonfermah dokument tas-sena 1858. F'dik is-sena, Filippo Scerri, il-Maestri Giovanni Vella u Giuseppe Gauci bħala l-prokuraturi tal-Veneranda Arċikonfraternità tas-Sagrament, in-negozjant Paolo Bonavia u l-Maestro Salvatore Zammit, bħala konsulturi, kitbu lill-Kurja rigward id-degriet mogħti fl-1856 biex isir il-baldakkin. Huma infurmaw lill-Kurja li, fis-sentejn li għaddew, kienu kkonsultaw ma' persuna li huma sejħu bħala *maestro dell'arte* ħalli jagħtihom pariri fuq dan ix-xogħol. Huma qalu wkoll li avviċinaw lin-negozjant Giuseppe Chircop u dan kien ġabilhom kampjuni minn Lyon fi Franza għad-drapp għal dan il-baldakkin. Ġie għalhekk stabbilit id-disinn tal-baldakkin u ntrabtu li kellu jqum 1260 skud waqt li l-Kurja ġiet infurmata li l-Arċikonfraternità tas-Sagrament kienet ser tidħol għal din l-isfida finanzjarja waħidha għaliex il-Prokuratur tal-Agunija ma kienx ser jippartеċipa fil-ħlas għal din l-opera.[122] Hu ġie mitlub biex jipparteċipa għaliex is-Sodalità tal-Agunija kienet tuża l-baldakkin fil-festi tas-Salib li għalihom kienet toħroġ ir-relikwja tal-*Vero Legno*. Dan in-nuqqas ta' ftehim wassal għal dewmien biex tkun tista' ssir din l-opra. Fuq kollox, kienet ittieħdet id-deċiżjoni, li s-sett ta' sitt lasti, li kienu saru fil-bidu tas-seklu dsatax,[123] jiġu miksija bil-fidda.[124] Dan kollu sar lejlet li nbeda l-ġbir fuq ix-xiri ta' statwa ġdida ta' San Filep.

Iżda din id-deċiżjoni mis-Sodalità tal-Agunija li ma tagħtix il-kontribuzzjoni tagħha għal din l-opra[125] ġabet inkwiet fuq livell parrokkjali u dan kellu effetti fuq il-purċissjoni li kienet issir nhar it-3 ta' Mejju, festa tas-Salib. Is-Sodalità tal-Agunija kellha rwol importanti fil-purċissjoni li kienet issir biex tkun ikkommemorata l-festa tas-Salib (3 ta' Mejju). Huma kienu jużaw is-sitt lasti tal-fidda tal-Arċikonfraternità tas-Sagrament. Iżda fis-sena 1857, il-Prokuratur tas-Sagrament irrifjuta li jagħti dawn il-lasti lis-Sodalità tal-Agunija, tant li l-isqof ta' dik il-ħabta, Publio Sant, kellu joħroġ degriet fit-2 ta' Settembru 1857.[126] L-Arċikonfraternità kienet argumentat li dawn il-lasti, li kienu ġew miksija bil-fidda, kienu parti mill-ispiża li saret fuq il-baldakkin il-ġdid.[127]

*Salib tal-ebbanu 1871, li jintuża fil-purċissjoni tal-festa tas-Salib*

Dan kollu ġab dawmien biex jitlesta l-baldakkin u għalhekk, fl-1863,[128] kellha ssir talba oħra mill-istess Filippo Scerri biex jinħadem baldakkin ġdid ħalli jintuża fil-purċissjonijiet tal-parroċċa. Għalhekk kienet saret konsulta ġenerali f'Jannar ta' dik is-sena mal-arċipriet u r-rettur tal-fratellanza dwar il-ħtieġa ta' dan il-baldakkin ġdid li kien qed isir biex jintuża wkoll fil-purċissjonijiet tal-Vjatku.[129] Finalment ikun deċiż li dan il-baldakkin ikun magħmul mill-c*annavazzo d'oro* bil-fond abjad.[130]

Fl-1884, il-Prokuratur tal-Fratellanza tas-Sagrament, Giovanni Zammit Borg, talab biex jiġu irranġati l-erba' lanterni li jinħarġu mas-Sagrament. Dawn l-ispejjeż kellhom jinqasmu bejn il-fratellanzi kollha li jagħmlu użu minn dawn il-lanterni, meta jużawhom biex jakkumpanjaw ir-relikwja li tinħareġ fil-purċissjonijiet rispettivi tagħhom. Fuq kollox, saru opri oħra relatati mar-ritwali tal-liturġija. Ġew rinnovati l-erba' dvalji li kienu jintużaw waqt l-espożizzjoni tas-Sagrament għaliex dawk li kienu qed jintużaw kienu tmermru. L-ispejjeż tħallsu parti mill-fratellanza u terz tal-ispiża tħallas mill-*Cassa dell'Epifania*. Saret talba li jsiru wkoll tiswijiet f'dar li kienet tal-fratellanza. B'kollox, kien hemm spiża ta' madwar 80 skud.[131]

Fuq kollox, naraw lejn l-aħħar tas-seklu tidħol purċissjoni oħra f'Ħaż-Żebbuġ, dik tal-Qalb ta' Ġesù, li kienet issir bl-użu tal-baldakkin, li kien jingħata mill-Fratellanza tas-Santissimu Vjatku, iżda anki hawn inqala' diżgwid mal-użu u l-proprjetà ta' dan il-baldakkin. Dan ġara fl-1899 u din il-kwistjoni wriet kemm il-fratelli kienu ġelużi għal dak li kienu jqisu proprjetà tagħhom.[132]

## Il-Fratellanza ta' San Ġużepp

Fil-kuntest ta' kif żviluppat l-istorja tar-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ, il-Fratellanza ta' San Ġużepp titlob attenzjoni storika partikolari. Din il-fratellanza narawha tikber sew fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, speċjalment wara l-wasla tal-istatwa fl-1870. Vella jfakkarna li din tlestiet sewwasew meta l-Papa Piju IX ipproklama lil San Ġużepp patrun tal-Knisja universali,[133] u seħħet l-istess sena li fiha dan l-istess papa tilef Ruma lir-renju l-ġdid tal-Italja magħquda. Iżda t-tkabbir fil-popolarità ta' din il-fratellanza tmur lil hinn minn dawn l-iżviluppi ġewwa Ruma u tibda bir-riformi interni li saru fl-istess fratellanza. Ftit qabel ma ġiet l-istatwa ġdida ta' San Filep, din il-fratellanza tagħmel rikors il-Kurja rigward il-promozzjoni ta' statuti ġodda għaliha. Għalhekk, fl-1856, inħasset il-ħtieġa li jiġu riveduti l-istatuti u l-liġijiet ta' din il-fratellanza li kienu saru fl-1740. Fost l-oħrajn ġew immodernizzati l-elezzjonijiet tal-prokuraturi u l-amministrazzjoni tal-beni tal-istess fratellanza.[134]

Jidher li din il-ħidma ta' rinnovazzjoni kienet marbuta mal-figura ta' Maestro Calcedonio Micallef. Dan il-ħaddiem tas-sengħa laħaq Prokuratur tal-Fratellanza fl-10 ta' Novembru 1851. Kien ħa post il-prokuratur Paolo Dimech.[135] Kienet drawwa f'dik il-ħabta li l-fratelli jistgħu jkunu membri ta' aktar minn konfraternità waħda. Żgur li Micallef kien wieħed minnhom. Iżda wara li kien laħaq prokuratur ta' San Ġużepp, il-fratellanzi l-oħra ma kinux qed jieħdu gost bih u ma ridux li hu jibqa' membru tagħhom. Id-dokumenti ma jgħidux x'ġara. Iżda l-istorja li tidher li ser twassal għad-diżgwid kienet id-deċiżjoni li ttieħdet biex issir statwa ta' San Ġużepp. Skont Ciappara, din saret fl-1870 minn Ġlormu Darmanin.[136] Id-dokument ikkonsultat il-Kurja ma jitkellimx x'kien ġara sew iżda din l-istatwa ma ddaħħlitx fil-knisja. Fl-1871, il-Vigarju Ġenerali ta' dik il-ħabta, il-Kanonku Carmelo Scicluna, informa lil Micallef li ma setax jibqa' membru ta' kwalunkwe fratellanza li kien miktub fiha.[137] Dan kien ifisser li kien '*da oggi innanzi si consideri escluso*' anki mill-Fratellanza ta' San Ġużepp.

Ma hemmx dubju li deċiżjoni bħal din turi li l-firda jew il-ħolqien ta' żewġ partiti ġewwa Ħaż-Żebbuġ kienet issa bdiet dieħla sew. Ciappara jagħmel ftit aċċenn għaliha meta jitkellem dwar il-kreazzjoni ta' żewġ soċjetajiet mużikali f'Ħaż-Żebbuġ fl-1860, anki jekk f'dik il-ħabta dawn is-soċjetajiet kienu għadhom ma humiex marbuta ma' xi kult partikolari.[138]

Minflok Micallef ikun appuntat Giuliano Cachia bħala prokuratur. Biss fil-21 ta' Awwissu 1879, Micallef jerġa' jiġi riabilitat wara li Cachia għal xi raġuni jew oħra ma jkomplix bħala prokuratur. Dan wassal biex Micallef seta' jerġa' jieħu l-prokura f'idu. Hu sab l-appoġġ tal-Kurja.[139] Minnufih Micallef jibda jaħdem ħalli jmexxi 'l quddiem il-kult ta' San Ġużepp ġewwa Ħaż-Żebbuġ u jsib soluzzjoni biex l-istatwa ta' San Ġużepp tiddaħħal il-knisja.

Fl-1881, il-Prokuratur Micallef informa lill-Kurja li peress li l-istatwa ma kinitx qed tinżamm fil-knisja, kienet qed isofri danni għaliex il-post fejn kienet ma kienx wieħed tajjeb. Għalhekk jitlob biex din l-istatwa tibda tinżamm fil-knisja parrokkjali. Hu jindika l-post, jiġifieri, '*sul vacuo, ossia fondo fra i pilastri maggiori rimpetto l'organo ove detta statua sarebbe accessibile*'. L-Arċipriet Bartolo jirrispondi għal din it-talba billi jgħid li *"la domanda che fa qui su' l'oratore Micallef mi pare ragionata e conducente alla venerazione del Santo, pertanto se un esperto perito decide, che non si recherà alcun danno alla fabbrica della chiesa, gli si potrà, secondo me, facilmente accordare"*.[140] Isir rapport minn espert jew perit li indika li kien hemm daħla fil-pilastru li kienet oriġinarjment tagħti għal xi pulptu jew orgni. Ikun deċiż li l-istatwa tinżamm f'dan il-post, biss jiġi mkabbar ftit ħalli tkun tista' tidħol l-istatwa.[141] Ma għandniex xi ngħidu, li dan ir-rikors ġie approvat.[142]

Jidher ċar li t-tkabbir tal-festa ta' San Ġużepp iseħħ a skapitu tal-fratellanzi l-oħra. Waqt li tas-Sagrament tispiċċa b'battibekk ma' tal-Agunija u dik tar-Rużarju tidħol f'pika ma' dik tal-Karità, tibda tiżviluppa festa oħra, dik ta' San Ġużepp. Dan l-iżvilupp lanqas iseħħ direttament fil-knisja iżda jkun riżultat ta' żvilupp ta' dan il-kult fid-dinja Kristjana. Iż-Żebbuġin fittxew għall-ewwel it-tkabbir tad-devozzjoni lil hinn mill-knisja parrokkjali. Hekk naraw li fl-1882, il-prokuratur tal-knisja filjali tal-Grazzja, Paolo Felice, jagħmel talba biex jagħmel artal u presbiterju tal-irħam waqt li jitlob id-dritt li jiċċelebra f'din il-knisja l-festa tal-Patroċinju ta' San Ġużepp.[143] Dan l-artal tal-irħam tħallas minn Giuseppe Spiteri li ġa ltqajna miegħu u li kien għex għal ħafna żmien ġewwa l-Istati Uniti tal-Amerika. Ix-xogħol sar fl-1881.[144] Dan ix-xogħol sar bħala wegħda u fil-preżenza ta' Spiteri nnifsu waqt li kien f'Malta mill-Istati Uniti u wara li kien ġa għamel il-presbiterju tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.[145]

Biss, anki l-festa ta' San Ġużepp kienet taqsam ma' ħaddieħor ċertu affarijiet tagħha. Il-bradella u l-pedestall kienu jintużaw ukoll għall-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista. Fis-sena 1881, dan l-użu qajjem problema bejn il-*Congregazione* ta' San Ġużepp u min kien jieħu ħsieb il-festa ta' San Ġwann l-Evanġelista. Dan wassal biex fis-sena ta' wara, jiġifieri l-1882, jintlaħaq ftehim bejn in-negozjant Antonio Ciappara Delicata bħala prokuratur tal-*Veneranda Cassa di San Giovanni Evangelista*, flimkien mal-*commerciante* Giuseppe Camilleri bħala prokuratur tal-*Veneranda Congregazione* ta' San Ġużepp. Huma qablu li l-bradella u l-pedestall ikunu proprjetà komuni bejn l-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista u dik ta' San Ġużepp. Fuq kollox il-prokuratur tal-festa ta' San Ġwann ħallas 50 skud lil dik ta' San Ġużepp waqt li t-tnejn intrabtu li jħallsu għall-ħsarat li jistgħu jsiru waqt l-użu tagħhom matul il-festi rispettivi li t-tnejn kienu jagħmlu.[146] Wieħed irid ifakkar li din l-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista kienet għadha kif saret minn Karlu Darmanin fis-sena ta' qabel, biex tieħu post oħra aktar qadima.[147] Il-Kurja ntalbet biex tapprova dan il-ftehim milħuq.[148] Dan id-dokument tal-Kurja joħroġ dettall interessanti. Id-deputat prokuratur tal-fratellanza ta' San Ġużepp ma kien ħadd għajr il-qassis Salvatore Ciappara. Dan il-fatt jikkonferma, jekk qatt kien hemm bżonn, ir-rispett li dan Ciappara kien igawdi ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Jidher, li hu kien il-persuna li tintalab tintervjenti, bħalma rajna li ġara fil-każ tal-istatwa ta' San Filep, f'sitwazzjoni diffiċli ħalli terġa' ġġib il-paċi u s-serenità fil-komunità parrokkjali.

Fl-1891, il-prokuratur tal-Fratellanza ta' San Ġużepp, Lorenzo Attard, informa lill-Kurja li l-istandard tal-fratellanza li kien jintuża fil-purċissjonijiet sekondarji ma kienx f'qagħda tajba u ma kienx ta' min isewwih. Għalhekk intalab li jsir wieħed ġdid li kien ser jiswa 16-il lira.[149] Ftit snin wara terġa' ssir talba oħra biex isir standard ieħor tal-purċissjoni mill-istess fratellanza. Fl-1898, l-istess prokuratur Lorenzo Attard kiteb li l-istandard tal-fratellanza ma hux aktar tajjeb biex jintuża fil-purċissjonijiet. Għalhekk

saret ġabra biex isir wieħed ġdid. Iżda ma kinux inġabru l-flus kollha meħtieġa u kien jonqos 12-il lira sterlina biex ikun jista' jagħmel wieħed ġdid. Għalhekk dak li kien baqa' biex jinġabar kien tħallas minn flus depożitati tal-fratellanza.[150]

## Il-Ġimgħa l-Kbira

Festa oħra li magħha għandha wkoll assoċjata purċissjoni hija dik tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-każ ta' Ħaż-Żebbuġ, din it-tradizzjoni tiżviluppa sew fl-ispirtu Romantiku. Anzi wieħed jista' jgħid b'wiċċu minn quddiem li l-epoka Romantika tħalli wkoll l-effetti tagħha, espressi b'umaniżmu ġdid, li din l-epoka ġabet magħha. Dan wassal biex kibru sew il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u nħolqu kulti relatati ma' dan il-misteru tal-Għid. Ħaż-Żebbuġ jidħol sew f'dan il-mudell u mhux biss introduċa l-istatwi u għas-sena 1826 il-knisja kellha sett komplut,[151] iżda wkoll waqqaf b'mod formali l-Fratellanza tad-Duluri. Din il-Fratellanza kienet ilha teżisti f'Ħaż-Żebbuġ, iżda ma kinitx formali u għalhekk fl-1866 isiru l-istatuti ħalli din l-għaqda reliġjuża ta' devozzjoni ssir waħda formali liema talba saret minn Salvatore Said.[152] B'hekk setgħet tkun fuq l-istess livell tal-ħames konfraternitajiet li kien hemm f'dik il-ħabta ġol-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.[153]

Biss il-festi tal-Ġimgħa l-Kbira kienu prinċiparjament jaqgħu fuq dik li kienet magħrufa bħala l-*Cassa* tal-*Via Crucis* u s-Sodalità tal-Agunija. Dawn iż-żewġ entitajiet kienu amministrati minn prokuraturi differenti. Kif ġa ġie spjegat, is-Sodalità tal-Agunija kienet ukoll magħrufa taħt it-titlu ta' *Cassa Agonia* u anki *Cassa* tal-Erwieħ.

Ciappara jirrakkonta li fl-1881 saru l-gwarniċi għall-kwadri tal-*Via Crucis*.[154] Skont is-suppliki, fl-1888, is-saċerdot Gio Andrea Callus, bħala l-prokuratur tal-*Cassa* tal-*Via Crucis,* talab biex isir salib ġdid tal-*Via Crucis* għaliex l-ieħor ma kienx aktar tajjeb u sar wieħed ieħor tal-'*ebano con le insegne della passione di N.S.I. Cristo di argento*'. Biex jagħmel din l-opera, Callus talab li juża flus li kien qed idaħħal mill-amministrazzjoni ta' dawn il-fondi tal-*Via Crucis* u b'hekk ħallas is-somma ta' 41 lira sterlina, 13-il xelin u erba' soldi għal din l-ispiża.[155]

Sa ftit qabel is-sena 1890, il-knisja kienet għadha ma tintramax kollha bid-damask iswed għall-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Partijiet mill-knisja kienu jkunu mżejna bid-damask aħmar u partijiet oħra kienu jkunu mżejna bid-damask iswed. Il-qassis Gio Andrea Callus bdew idejquh sew dawn iż-żewġ kuluri mħalltin ma' xulxin fil-knisja. Skont l-istess Callus, l-użu ta' dan id-damask aħmar '*offende non poco la vista*'. Għalhekk, fl-1890, dan il-prokuratur tal-*Veneranda Cassa Via Crucis* talab biex ikun jista' jkompli jagħmel id-damask iswed għall-knisja. Id-drapp magħżul deskritt bħala *tela di Malta tinta in nero.*[156]



*Ġesù Redentur, waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, meta kien għadu jinxtegħel bix-xemgħa, 1983*

Dan kien l-ewwel pass biex it-tapizzerija tal-knisja għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira kompla jinbidel. Dak li kien hemm kien sar fl-1825.[157] Infatti, fl-1893, nerġgħu nsibu lill-istess qassis, Gio Andrea Callus, dejjem fil-kapaċità tiegħu ta' prokuratur tal-*Veneranda Cassa Via Crucis*, jgħid li t-tapizzerija sewda użata kienet kważi kollha "*rovinata*". Għalhekk, reġa' talab biex jinbidlu partijiet minnha. Dan ix-xogħol qam 10 liri sterlini.[158]

Min-naħa l-oħra, il-*Cassa Agonia* kellha dik il-ħabta lill-qassis Luca Attard bħala l-prokuratur tagħha. Il-bżonnijiet tal-artal tal-erwieħ kienu jaqgħu taħtu. Fl-1893, Attard ħaseb biex l-artali tal-Erwieħ u l-Agunija jsirilhom sett gandlieri ġodda. Dawk li kienu jintużaw fil-festa kienu tal-injam u ma kinux fi stat tajjeb. Instab li r-restawr ta' dawn il-gandlieri kien ser iqum mas-sittin lira sterlina u x-xogħol kien jinkludi t-tiswija u l-induratura tagħhom. Biss Attard ra dan ix-xogħol bħala spiża inutli u għalhekk kien ipprefera li jagħmel sett ġdid tal-metall. Fuq kollox, kif stqarr hu stess, dawn kellhom inqas spiża ta' manteniment.[159]

## Artali Oħra

Ma' dawn l-opri kbar organizzati mit-tliet fratellanzi prinċipali, insibu numru ta' opri oħra, iżgħar fid-daqs marbuta mal-artali sekondarji. Fl-1895, id-djaknu Giorgio

Ciappara, bħala prokuratur tal-*Cassa di S. Agata V.M.*, talab biex anki għal dan l-artal jintgħamel *fiocco* għal-lampier biex ikun bħal dawk tal-konfraternitajiet l-oħra. Dan il-*fiocco* qam madwar 4 liri sterlini.[160] F'dik is-sena wkoll saret l-istatwa tal-kartapesta ta' Sant'Agata.[161] Fl-aħħar nett, fl-1898, saru sett ta' sitt gandlieri bil-gandlier tas-salib tal-metall abjad għall-artal ta' Santa Katerina, biex jintuża fil-festa parrokkjali u f'dik tal-qaddisa, peress li dawk eżistenti ma kinux f'qagħda tajba. L-ispiża kienet waslet għal 44 lira sterlina.[162]

Min-naħa l-oħra, dawk l-artali jew fratellanzi li ma daħlux f'din il-paradigma ġdida, ta' purċissjonijiet u festi, bdew isibu ruħhom f'diffikultajiet anki ta' devozzjoni. It-titular tagħhom ma baqax jappella għan-nies u dak li darba huma kienu qed jirrappreżentaw f'termini ta' devozzjoni beda jmut. B'hekk, bil-mod il-mod waqgħu f'diżużu. L-ewwel artal li tilef ftit mill-importanza tiegħu kien dak tal-Karmnu. Dan kien baqa' tal-injam, sakemm, bħalma rajna fl-1848, il-prokuratur, is-saċerdot Giuseppe Gatt, stinka biex isir tal-irħam u, biex seta' jsir dan, Gatt talab biex jintużaw kapitali marbuta mal-knisja tal-Madonna tad-Dawl.[163] Aktar 'il quddiem insibu l-artali ta' San Mikiel u Santa Luċija fi stat xejn tajjeb.

Matul il-viżita pastorali li kienet saret mill-Isqof Pietro Pace f'Ħaż-Żebbuġ fl-1896, l-Isqof Pace ma ħalliex isir aktar quddies fuq dawn iż-żewġ artali għaliex ma kinux fi stat tajjeb. Fil-ġerku ekkleżjastiku, azzjoni bħal din kienet tissejjaħ profanazzjoni. Ir-raġuni kienet li dawn l-artali kienu ta' ġuspatronat, jiġifieri, il-kura tagħhom kienet marbuta ma' familja jew familji partikolari u jidher li dawn il-familji ma baqgħux jieħdu ħsieb il-manteniment tagħhom. Għalhekk dan kellu issa jibda jsir mill-knisja. Fl-1896, Dun Luigi Attard li allura, bħala l-arċipriet tal-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ, kien ukoll issa l-prokuratur tal-istess knisja, talab biex ikun jista' jagħmel it-tiswijiet meħtieġa fuq dawn l-artali.[164]

Fuq kollox, dan l-iżvilupp u tisbiħ b'opri artistiċi ma kienx limitat biss għall-knisja parrokkjali. Ħaż-Żebbuġ għandu wkoll numru ta' knejjes u kappelli żgħar madwar ir-raħal kollu. Fosthom insibu dik tal-Madonna tad-Dawl u dik tal-Lunzjata li ġew imżejna bid-damask mill-prokuraturi rispettivi tagħhom.[165] Il-kappella tal-Madonna tad-Dawl kienet waħda mill-aktar devoti u mfittxija għat-talb ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Lejn l-aħħar tas-seklu, din il-knisja beda jieħu ħsiebha Dun Salvatore Ciappara. Infatti, fl-1898, il-prokuratur tal-knisja tal-Madonna tad-Dawl, Dun Salvatore Ciappara, talab biex jagħmel relikwarju ġdid tal-fidda u għalhekk talab biex ikun jista' jbigħ wieħed tal-fidda li kien aktar antik.[166] Iżda t-tisbiħ ta' dawn il-knejjes jitlob studju separat anki jekk jagħmel parti minn dan l-iżvilupp li jseħħ fil-festa Maltija matul is-seklu dsatax.

## Konklużjoni

Dan l-iżvilupp kollu fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ ma kienx waħdieni iżda parti minn proċess kumpless li seħħ ma' Malta kollha. Il-parroċċi kollha ta' Malta żiedu l-purċissjonijiet, il-qniepen u t-tiżjin fil-knejjes matul is-seklu dsatax. Bħalma ġara fid-daqq u ż-żieda fin-numru tal-qniepen, il-purċissjonijiet ukoll żdiedu matul is-seklu dsatax, anzi fil-każ ta' dawn tal-aħħar, mhux biss irduppjaw iżda saħansitra mmultiplikaw, ma għandux ikun hemm dubju, li minbarra l-element ta' fidi Nisranija mħaddna minn missirijietna, dan kien qed isir bħala reżistenza lejn forzi meqjusa superjuri. Il-fidi u l-politika għall-ewwel darba jaqbdu id f'id f'pajjiżna. Qabel ma ġew l-Ingliżi, u tneħħi l-perjodu ta' sentejn tal-Franċiżi, Malta kienet immexxija minn istituzzjoni Kattolika reliġjuża, magħrufa bħala l-Ordni ta' San Ġwann. Anzi, dan il-perjodu hu kkaratterizzat fit-tkabbir tal-ħsieb illuminista f'pajjiżna li kien ifittex li jnaqqas l-influwenza religjuża fuq il-ħajja ta' kuljum f'pajjiżna. It-tmiem tal-Kavallieri kellu jġib miegħu t-tnaqqis ta' dawn il-festi u purċissjonijiet (bħalma fil-fatt ġara bit-tmiem tal-kolonizzatur Ingliż), u mhux iż-żieda tagħhom. Ikun żball li wieħed jitfa' taħt it-tapit dan l-iżvilupp billi jgħid li l-Maltin kienu qed iżidu l-festi għax injoranti u mmexxijin minn imniħirhom minn kleru reazzjonarju li kellu idea konfessjonali għall-gżira. Bħalma l-istorja ta' Ħaż-Żebbuġ stess turi, mal-kleru, ma kienx hemm biss in-nies foqra, ir-raħħala u l-bdiewa, iżda wkoll in-negozjanti, nies tas-sengħa u professjonisti. Kulħadd kien qed jaħdem biex dawn il-purċissjonijiet jikbru u jitqawwew. In-nies kellha interess f'dawn it-tip ta' manifestazzjonijiet u kienet tipparteċipa bil-kbir waqt li ma kinitx qed tiddejjaq tikkontribwixxi għalihom għax kienet qed tħoss il-ħtieġa tagħhom. Kienu għodod f'idejn il-Maltin biex jaffermaw l-identità tagħhom quddiem barrani li kien qed jipprova jipproġetta superjorità kolonjali fuq il-poplu indiġinu tal-gżira. Il-fidi dehret bħala l-unika arma li dan il-poplu seta' juża biex jiġġieled kontra qawwa bil-wisq ikbar minnu. Qniepen, standardi, ventartali, lopop u mitt ħaġa oħra jsiru mezz ta' protesta politika, fi żmien meta lanqas kienu għadhom twieldu l-partiti politiċi. Meta dawn jitwieldu, il-purċissjonijiet u l-festi sa jimxu b'mod parallel mal-festi u d-demostrazzjonijiet tal-partiti politiċi, xi drabi ma ddejqux jitwaħħdu magħhom, sakemm bil-mod il-mod, l-istess manifestazzjonijiet tal-partiti politiċi jieħdu s-sopravvent fuq il-festi tal-parroċċi tagħna. Iżda, sakemm dan seħħ, kellhom jgħaddu għexieren ta' snin li matulhom wiċċ il-festa Maltija kompla jinbidel biex jirrifletti aħjar iż-żminijiet li l-poplu tagħna jkun qed jgħix fihom.

## Appendix 1.

A.A.M. Atti Civili, Vol. 202, f. 15.

Die 13 Octobris 1863

Excell(entissi)mus et R(everendissi)mus D(omi)nus Archiep(iscop)us Rhodi, Episcopus Melitae Fr. Gajetanus Pace Forno volens custodiri magna diligentia omnia opera argentea ad Ven(erandam) Lampadam Ecclesiae Archipresbyteralis et Parochialis Civitatis Rohan pertinentia, inclusis statuis argenteis, titularis eiusdem Ecclesiae S(anct)i Philippi de Argyrone, et quatuor Evangelistarum, elegit et nominavit Rev(erendum)D(omi)num Sac(erdo)tem Don Salvatorem Ciappara in Custodem et Procuratorem eorumdem operum, nec non votorum fidelium, illis forsan offerendorum; cum facultate exigendi a Procuratoribus eiusdem Lampadis, quod erit necessarium ut erogetur in dictorum operum, custodiam et conservationem, et cum aliis facultatibus necessariis, et opportuniis. Unde

Ita est

Sac. E. Corsoni Cancellarius.

## Appendix 2

A.A.M. Atti Civili Vol. 203, f. 28,

Die 21 Augusti 1879

Attenta abstinentia Iulianii Cachia ab ulteriori Officio Pro(curato)ris Ven(erandae) Con(fraternitat)is sub titulo S(anc)ti Josephi erectae in S(anc)ta Archipresbyterali et Par(ochia)li Ecclesia Civ(itatis) Rohan, Ex(cellentissi)mus et R(everendissi)mus D(omi)nus Archiepiscopus Ep(iscop)us Don Carmelus Comes Scicluna elegit et nominavit, vice et loco dicti Iulianii Cachia, M(agist)rum Calcedonium Micallef in Pr(ocurato)rem supradicti Con(fraternitat)is S(anc)ti Josephi, idque cum omnibus facultatibus necessariis, et opportuniis. Unde

Ita est

Sac. Em. Corsoni Cancellarius

## Referenzi:

[1] Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett ara Charles Farrugia ed., *Il-Festi Kultura u Identità,* Mqabba, Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, 2011.

[2] Simon Mercieca, 'L-Użu tal-Kult u l-Istatwi Proċessjonali Ġewwa Malta', *L-Imnara*, Vol. 10, Numru 1, 2012, Ħarġa 36, pp. 2-11.

[3] Hekk insibu li kien qed jiġri fiż-Żurrieq, waħda mill-parroċċi tal-irħula li naraw id-dħul tal-istatwi fiha ftit aktar tard min-numru ta' parroċċi oħra f 'Malta. Nixtieq nirringrazzja lil Anthony Mangion għal din l-informazzjoni. Għal aktar informazzjoni ara A. Mangion u K. Zerafa, *Santa Kartarina: Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Tagħha Fiż-Żurrieq,* Soċjetà Mużikali Santa Katarina, 1988, p. 28.

[4] Simon Mercieca, 'The Religious Cults of Thaumaturgical Powers and the Devotion towards St Nicholas of Bari in Malta', *Symposia Melitensia*, No. 6, 2010, pp. 21-35.

[5] Sandro Debono, *Imago Dei, Sculptured Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta*, Malta, 2005, p. 34.

[6] Elina Gugliuzzo, *In Veste Devota, Le Confraternite di Malta in Età Moderna,* Rubbettino Editore, 2009, pp. 41-61.

[7] Simon Mercieca u Joseph Muscat, 'The Battle Standard (Flag) with the Image of the Immaculate Conception', *Mediterranean Review*, Vol. 5, no. 1, June 2012, pp. 45-74.

[8] Joe Carabott, 'L-Istatwa Titulari ta' San Nicola ta' Bari', *Is-Siġġiewi*, Vol. 1, no. 5, June 1978, p. 34.

[9] Pietro Paolo Castagna, *Lis Storia Ta Malta bil Gzejer Tahha, Storia Politica*, It-tieni darba, Malta, 1890, Vol. II, p.404.

[10] Ibid., p. 421.

[11] Simone Azzopardi, 'Imperial Policy in Malta, 1934-1939: Britain's Need for Benevolent Despotism'. Fil-proċess ta' pubblikazzjoni.

[12] John Chircop, 'From the Pulse of Social Routine to the Subversion of Normality: The Multiple Use of Bell Tolling in Two Colonial Sites: The Ionian Islands and Malta 1800-1870s', *Journal of Mediterranean Studies*, Vol. 19, no. 1, 2010, pp. 1-26.

[13] Pietro Paolo Castagna, *Lis Storia ta Malta bil Gzejer Tahha*, Malta, 1888, it-Tieni darba, Vol. I, p. 171.

[14] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, pp. 468-469.

[15] Fl-1843, James MacLachlan, mit-42 Reġiment, ġie akkużat li gara qxur tal-larinġ u tal-ġewż għal fuq il-purċissjoni bis-sagrament meta kien ġewwa l-*mainguard* fuq wara u l-purċissjoni kienet għaddejja fi Triq Strada Stretta l-Belt. http://website.lineone.net/~stephaniebidmead/Chapter123.htm Il-każ instema' quddiem l-Imħallfin Dr Satariano, Dr Grungo u Dr Chappelle, fl-20 ta' Marzu 1843. Stejjer simili nsibuhom iseħħu l-Birgu, bħal meta fizzjal refa' sieq, waqt li kien fl-Officers Mess (eks Palazz tal-Inkwiżitur) waqt li kienet għaddejja purċissjoni. Darba oħra fil-Birgu, fizzjal baqa' dieħel biż-żwiemel fuq purċissjoni waqt li kienet għaddejja mill-pjazza tal-Birgu. Nixtieq nirringrazzja lil Lorenzo Zahra għal din l-informazzjoni.

[16] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, p. 496.

[17] *Ġrajjet*, p. 177.

[18] Leopoldo Fiteni, *Giornale Cattolico intitolato Le Conversioni di Filoteo*, Malta, Tipografia Di Francesco Cumbo, 1841,pp.389-394.

[19] A(rchivum) A(rciepiscopalis) M(elitensis, Floriana). Atti Civili, Vol. 201, f. 413. Fl-1862, jitkeċċa fratell tas-Sagrament minħabba mġiba ħażina u skandaluża fil-knisja, meta għamel storbju (*disordine*) fil-knisja. Jintalab li ladarba se jitkeċċa ma jkunx jista' jiġi ammess ġo xi Fratellanza oħra f 'Ħaż-Żebbuġ.

[20] A.A.M. *Suppliche*, Vol. 115, f. 283, (f. 412).

[21] Luret Vella, *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, Media Centre, Malta, 1986.

[22] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, p. 441.

[23] *A.A.M. Suppliche*, p. 472r.

[24] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, p. 420.

[25] Ferris, p. 414.

[26] *Ġrajjet*, p. 155.

[27] Vella , p. 74.
[28] *Ġrajjet*, p. 193.
[29] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, p. 426.
[30] *Ġrajjet Ħaż-Żebbuġ bit-Taljan ta' Dun Salv Ciappara maqluba għall-Malti minn Frans Sammut*, Qrendi, 2001, p.161.
[31] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 17, f. 250r-252v.
[32] *A.A.M. Atti Civili*, f. 233.
[33] *Ġrajjet*, p. 163.
[34] Ferris, p. 412.
[35] *Ġrajjet*, p. 169.
[36] Ferris, p. 421.
[37] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 197, ff. 221- 222.
[38] Vella, p. 79. Skont Vella, dan gie jiswa 4000 skud.
[39] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 197, ff. 221- 222.
[40] Castagna, *Storia Politica*, Vol. II, p. 457.
[41] Ibid., p. 171.
[42] Ferris, p. 414.
[43] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 36, f. 345r-v.
[44] Ciappara, p. 175.
[45] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 50, f. 429-431.
[46] *Ġrajjet*, p. 181.
[47] Vella, p. 81.
[48] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 42, f. 408r.
[49] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 42, f. 314r.
[50] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 46, f. 858r-v.
[51] Ferris, p. 414.
[52] Ciappara, p. 181.
[53] *Ġrajjet*, p. 185.
[54] Eadem.
[55] Vella, p. 83.
[56] *Ġrajjet*, p. 181.
[57] AAM, Suppliche, Vol. 51. f. 12.
[58] Vella, p. 83.
[59] Ibid, p. 85.
[60] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 202, f. 15. (Id-dokument ġie mogħti fl-Appendiċi ta' dan l-artiklu.)
[61] *Ġrajjet*, p. 195.
[62] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 202, f. 15.
[63] *Ġrajjet*, p. 199.
[64] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 63, f. 140.
[65] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 63, f. 140.
[66] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 63, p. 300.
[67] Ferris, pp. 415, 421-422.
[68] Ferris, p. 421.
[69] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 49, f. 154 -155.
[70] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 63, p. 336.
[71] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 964.
[72] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 84, f. 648-849.
[73] Ciappara, p. 211.
[74] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 959 -965.

[75] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1274.
[76] *Ġrajjet*, p. 211.
[77] It-tlieta u għoxrin volum ta' atti tan-Nutar William John Stevens jinsabu depożitati għall-konsultazzjoni fl-Arkivju tan-Nutara, Triq San Kristoferu, il-Belt.
[78] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 79, f. 364.
[79] Vella, p. 95.
[80] *A.A.M. Suppliche*, Vol.85, p. 1276.
[81] A.A.M. Suppliche, Vol. 133, p. 370.
[82] Vella, p. 100.
[83] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 88, f. 62.
[84] Vella, 95.
[85] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 120, f. 192.
[86] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 119, ff. 365 -366.
[87] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 116, f. 283 (f. 412).
[88] Vella, p. 95.
[89] Ibid, p. 98.
[90] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 75. f. 418.
[91] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 116, f. 343.
[92] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 116, f. 351.
[93] Il-liġi Vittorjana kienet tgħid li ma jistax isir dfin "unless the body be enclosed in a coffin of wood or some other sufficiently strong material".
[94] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 60, f. 119- 123.
[95] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 87, f. 34.
[96] *Ġrajjet* p. 217.
[97] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 114, f. 160, (f. 253r).
[98] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 114, f. 160, (f. 254r).
[99] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1277.
[100] Vella, p. 95.
[101] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1604-1605.
[102] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 113, f. 487r-492v.
[103] *A.A.M. Atti Civili*, 1809 -1810, Vol. 169, ff. 440-449.
[104] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 41, f. 57v. Fit-talba li saret lill-Kurja joħroġ li kienet qed issir pressjoni biex il-fratellanzi jkollhom l-istandardi tagħhom uniformi kif ġie *richiesto da molti de consodali.*
[105] *A.A.M.* S*uppliche* Vol. 51, ff. 494-495.
[106] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 71, f. 7.
[107] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 74, f. 364.
[108] *Ġrajjet*, p. 205.
[109] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 74. f. 364.
[110] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 82, f. 333.
[111] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 97, ff. 503 r-v.
[112] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 103, ff. 8r-9r.
[113] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 121, f. 151r.
[114] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 53, f. 12.
[115] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 52, f. 224r.
[116] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 102, f. 51.
[117] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 50, ff. 399-400.
[118] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 50, ff. 429-431.
[119] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 51, f. 475r.
[120] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 51, ff. 477v-478r.

[121] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 56, f. 93.
[122] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 53, ff. 242-243.
[123] *Ġrajjet*, p. 193.
[124] Vella, p. 84.
[125] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 51, ff. 474 r-v.
[126] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 56, f. 89.
[127] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 56, f. 93.
[128] Ciappara jagħti d-data bħala 1859, iżda s-suppliki jagħtu d-data preċiża li kienet ftit tas-snin wara. Ciappara, p. 193.
[129] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 51, f. 474 r-v.
[130] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 52, f. 298.
[131] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 88, f. 49r-v.
[132] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 134, f. 352.
[133] Vella, p. 91.
[134] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 59, ff. 534- 539v
[135] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 200, f. 262v.
[136] *Ġrajjet*, p. 199.
[137] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 202, f. 278.
[138] *Ġrajjet*, p. 199.
[139] *A.A.M. Atti Civili*, Vol. 203, f. 28.
[140] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 83, f. 500 r-v.
[141] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 83. f. 500 (rapport mar-rikors mhux paġinat)
[142] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 83, f. 500 r-v.
[143] *A.A.M. Suppliche,* Vol. 85, f. 1036 r-v.
[144] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1043-1045.
[145] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1044.
[146] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1765.
[147] Vella, p. 95.
[148] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 85, p. 1766.
[149] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 109, f. 1.
[150] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 132, f. 276.
[151] Castagna, Vol. I, p. 136.
[152] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 65, ff. 249-250.
[153] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 65, f. 251.
[154] *Ġrajjet*, p. 217.
[155] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 96, p. 52r, 53r.
[156] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 103, ff. 217r-v.
[157] *Ġrajjet*, p. 165.
[158] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 114, f. 154, (f. 226).
[159] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 114, f. 192. (f. 477).
[160] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 120, f. 641.
[161] Vella, p. 98.
[162] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 130, f. 580.
[163] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 36, f. 345r-v.
[164] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 123, f. 519.
[165] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 49, ff. 255r.
[166] *A.A.M. Suppliche*, Vol. 130, f. 563.

